# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum il-Hamis, 15 ta' Lulju 2021**

**Kawza Numru: 5**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 75/2007 JVC**

**"Flimkien ghal Ambjent Ahjar"; "Friends of the Earth, Malta"; "The Ramblers' Association of Malta"; Moviment Graffiti; Dennis Pullicino (karta tal-identita' numru 393473M); Stephania Pullicino (karta tal-identita' numru 397975M); Rev Emmanuel Camilleri (karta tal-identita' numru 11542G); Prunella Evans (karta tal-identita' numru 21730A); Norman E. Grech (karta tal-identita' numru 318659M); Brian Calleja (karta tal-identita' numru 27767M); Joseph Vella (karta tal-identita' numru 135265M); Lorraine Vella (karta tal-identita' numru 313667M); Michael Buhagiar (karta tal-identita' numru 384640M); Pauline Calleja (karta tal-identita' numru 28385M); Andreas Grasso (karta tal-identita' numru**

**340586M); Anna Laferla (karta tal-identita' numru 210360M); Annick Cassar (karta tal-identita' numru 378871M); Charmaine Bartolo (karta tal-identita' numru 88571M); Darren E. Formosa (karta tal-identita' numru 292391M); Edgar Bugeja (karta tal-identita' numru 137019M); Emanuel Formosa (karta tal-identita' numru 1049G); Evelyn Attard (karta tal-identita' numru 531165M); Frances Callus (karta tal-identita' numru 277351M); Gaetano Buttigieg (karta tal-identita' numru 52270M); Helen Bugeja (karta tal-identita' numru 577551M); Joseph Callus (karta tal-identita' numru 950948M); Joseph Farrugia (karta tal-identita' numru 332956M); Josette Buttigieg (karta tal-identita' numru 512274M); Kevin Muscat (karta tal-identita' numru 218885M); Manuel Bugeja (karta tal-identita' numru 834355M); Marco Galea (karta tal-identita' numru 187868M); Maria Mifsud (karta tal-identita' numru 242350M); Maria Pizzuto (karta tal-identita' numru 846853M); Mario Mifsud (karta tal-identita' numru 648450M); Mark Bartolo (karta tal-identita' numru 126969M); Mark Cassar (karta tal-identita' numru 421569M); Maryanne Grasso (karta tal-identita' numru 251354M); Noel Attard (karta tal-identita' numru 15366M); Pio Muscat (karta tal-identita' numru 468456M); Raymond Grasso (karta tal-identita' numru 424453M); Reuben Abela (karta tal-identita' numru 404886M); Robert Callus (karta tal-identita' numru 16079M); Rose Muscat (karta tal-identita' numru 97159M); Ruth Gatt (karta tal-identita' numru 63465M); Salvina Bugeja (karta tal-identita' numru 433727M);**

**Silvana Farrugia (karta tal-identita' numru 478259M); Simone Galea (karta tal-identita' numru 300967M); Spiro Pizzuto (karta tal-identita' numru 270652M); Stephen Gatt (karta tal-identita' numru 609858M); Tiziana Pizzuto (karta tal-identita' numru 373882M); Victor Seguna (karta tal-identita' numru 585753M); Anthony Chetcuti (karta tal-identita' numru 439267M); Antoine Azzopardi (karta tal-identita' numru 387875M); David Pullicino (karta tal-identita' numru 83970M); Dean Calleja (karta tal-identita' numru 530588M); Gejtu Chirkop (karta tal-identita' numru 737961M); John Muscat (karta tal-identita' numru 140058M); Karmenu Muscat (karta tal-identita' numru 777960M); Moira Grech (karta tal-identita' numru 495164M); Marco Spiteri (karta tal-identita' numru 472170M); Martin Vassallo (karta tal-identita' numru 348264M); M'Assumpta Bonnett (karta tal-identita' numru 633253M); Patrick Galea (karta tal-identita' numru 290461M); Peter Said (karta tal-identita' numru 886947M); Reuben Cassar (karta tal-identita' numru 386664M); Anna Bonett Peplow (karta tal-identita' numru 564259M); Carmen Abela (karta tal-identita' numru 171961M); Cedric Mamo (karta tal-identita' numru 330555M); Harry Alden (karta tal-identita' numru 8930M); Liz Attard (karta tal-identita' numru 507658M); Mario Attard (karta tal-identita' numru 532654M); Pierre Camilleri (karta tal-identita' numru 304755M); Raymond Fenech (karta tal-identita' numru 722857M); Steven Galea (karta tal-identita' numru 607764M); Sue Henson (karta tal-identita' numru 198201L); Marthese**

**Aquilina (karta tal-identita' numru 92463M); Claire Pace (karta tal-identita' numru 463976M); Denise Aquilina (karta tal-identita' numru 74173M); Dion Lauria (karta tal-identita' numru 0001074M); Emmanuel Montebello (karta tal-identita' numru 319459M); Frances Grace Cremona (karta tal-identita' numru 237578M); Frankie Ciappara (karta tal-identita' numru 419574M); George Cardona (karta tal-identita' numru 359053M); Gordon Cassar (karta tal-identita' numru 406084M); Ivan Galea (karta tal-identita' numru 141274M); John Azzopardi (karta tal-identita' numru 258555M); John Mary Cremona (karta tal-identita' numru 88552M); Jennifer Brincat (karta tal-identita' numru 296789M); Joanne Azzopardi (karta tal-identita' numru 207388M); Joe Cassar (karta tal-identita' numru 700553M); John Galea (karta tal-identita' numru 13676M); Joline Sammut (karta tal-identita' numru 162377M); Josephine Nappa (karta tal-identita' numru 40661M); Kevin Cassar (karta tal-identita' numru 490278M); Mariano Cassar (karta tal-identita' numru 839946M); Aldo Galea (karta tal-identita' numru 183286M); Mark Brincat (karta tal-identita' numru 56075M); Martin Mifsud (karta tal-identita' numru 605354M); Mary Schembri (karta tal-identita' numru 915244M); Natalie Fiteni (karta tal-identita' numru 77265M); Neville Balbi (karta tal-identita' numru 569681M); Rosy Ann Galea (karta tal-identita' numru 513374M); Ray Fiteni (karta tal-identita' numru 311763M); Raymond Pace (karta tal-identita' numru 74085M);Rita Bugeja (karta tal-identita' numru 158768M); Rosette Borg**

**(karta tal-identita' numru 54578M); Ruth Cassar Bloch (karta tal-identita' numru 212778M); Sergio Sammut (karta tal-identita' numru 379477M); Saviour Nappa (karta tal-identita' numru 55363M); Stephen Casha (karta tal-identita' numru 129885M); Stephen Cassar (karta tal-identita' numru 406184M); Vincent Mallia (karta tal-identita' numru 46460M); Annette Attard (karta tal-identita' numru 435681M); Joe Attard (karta tal-identita' numru 321756M); Gina Cacciattolo (karta tal-identita' numru 645382M); Emmanuel Schembri (karta tal-identita' numru 66334M); Mark Peplow (karta tal-identita' numru 335264M); Louise Mamo (karta tal-identita' numru 713255M); Peter Cutajar (karta tal-identita' numru 566645M); Carmel sive Charles Cutajar (karta tal-identita' numru 515872M); Philip Cutajar (karta tal-identita' numru 351637M); Lucienne Pace (karta tal-identita' numru 229870M); George Cutajar (karta tal-identita' numru 236249M); Joseph Gatt (karta tal-identita' numru 344542M); Paul Zammit (karta tal-identita' numru 921444M); Anthony Zammit (karta tal-identita' numru 763233M); Paul Busuttil (karta tal-identita' numru 501543M); Tessie Farrugia (karta tal-identita' numru 366949M); Marc Mifsud (karta tal-identita' numru 379972M)**

**vs**

1. **Dr. Eng. Christopher Ciantar, B. Eng (Hons.), M. Sc., Ph. D. f'ismu proprju kif ukoll bhala president tat-Tim ta'**

**Verifika ta' l-Istimi Ambjentali Strategici;**

2. **Dr. Simone Borg, LL.D. M.Jur (Int Law) (Hons) f'isimha proprju kif ukoll bhala membru tat-Tim ta' Verifika ta' l-Istimi Ambjentali Strategici;**

3. **Jacques Sciberras, M. Sc (Econ) (York) f'ismu proprju kif ukoll bhala membru tat-Tim ta' Verifika ta' l-Istimi Ambjentali Strategici;**

4. **Andrew Calleja I.A.P. f'ismu proprju kif ukoll ghan-nom ta' l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar kif debitament awtorizzat.**

5. **Il-Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti l-Professur Edward Mallia kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

1. 'Il-Kamra tad-Deputati approvat il-Mozzjoni numru 245 fis-seduta numru 427 tas-26 ta' Lulju 2006 illi permezz taghha l-Kamra tad-Deputati approvat Revizjoni Parzjali tal-Pjan ta' Struttura ghall-gzejjer Maltin ('il quddiem imsejha "il-Mozzjoni").

2. Permezz ta' tali Mozzjoni, bicciet sostanzjali ta' artijiet f'daqqa wahda saru fabbrikabbli meta qabel ma' kien hemm l-ebda indikazzjoni li xi darba se jsiru hekk fabbrikabbli fil-process tal-aprovazzjoni tal-Pjani Lokali li kien ghaddej skond il-Kap. 356.

3. L-artijiet illi gew hekk rezi fabbrikabbli gew indikati mill-Awtorita' konvenuta wara illi dina rceviet memorandum tal-Kabinett ostensibilment intitolat "Rationalisation of Development Boundaries" u wara illi tali Awtorita' talbet lill-pubbliku sabiex jaghti l-veduti tieghu. Fit-trapass ferm qasir ta' zmien illi kien hemm fil-process imsemmi qabel ma' l-Awtorita' konvenuta ghamlet is-sottomissjoni taghha lil Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent u/jew il-Kamra tad-Deputati, ma' tantx seta' kien hemm zmien adekwat ghal konsiderazzjoni xierqa tal-veduti li gew sottomessi mill-pubbliku fosthom mill-atturi.

4. Illi tajjeb illi wiehed jghid illi l-process illi gie adottat mill-Ezekuttiv u avvalat permezz tal-Mozzjoni sabiex jigu riveduti l-konfini tal-artijiet fabbrikabbli f'dawn il-Gzejjer ma' sarx in konformita' mal-ligi stante illi tali revizjoni kellha ssir esklussivament permezz tal-adozzjoni tal-Pjani Lokali ai termini tal-artiklu 27 ta' l-imsemmmi Kap. 356. Illi l-procedura adottata mill-Ezekuttiv illi permezz ta' l-hekk imsejha revizjoni tal-Pjan ta' Struttura bicciet kbar ta' art gew rezi fabbrikabbli m'hi msejsa fuq l-ebda provvediment legali u dana anke peress illi meta l-Kamra tad-Deputati adottat originarjament il-Pjan ta' Struttura fis-seduta tad-29 ta' Lulju 1992, il-ministru li kien ippilota l-mozzjoni numru 18 kien ghamilha cara illi l-Pjan ta' Struttura ma' kienx "site specific" imma kienu l-Pjanijiet Lokali li kienu ser ikunu "site specific".

5. Ostakli illi kellu l-Ezekuttiv sabiex iwettaq il-hsieb tieghu illi jkabbar l-konfini tal-artijiet fabbrikabbli fil-pajjiz hija d-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea dwar l-istimi ta' l-effetti ta' certi pjanijiet u programmi fuq l-ambjent ('il quddiem imsejha "id-Direttiva"), liema Direttiva

giet trasposta fl-ordinament giuridiku nostrali tramite l-avviz legali 418 tas-sena 2005 ('il quddiem imsejjah "l-avviz legali"). Dana l-avviz legali dahal fis-sehh fl-istess jum illi gie ppubblikat fuq il-Gazzetta tal-Gvern.

6. Skond ir-regolament 4(2) ta' l-avviz legali, ghandha ssir stima ambjentali strategika ghall-pjanijiet u programmi msemmija fi Skeda 5 ta' l-istess regulamenti, liema skeda tissottoponi "pjanijiet u programmi kollha, (a) li jithejjew ghall-...ippjanar tal-ibliet u l-kampanja jew uzu ta' l-art" ghall-htiega li ssir tali stima ambjentali strategika. L-avviz legali jistipula kif ghandhom isiru l-istejjem ambjentali strategici illi jridu jsiru "waqt it-thejjija ta' pjan jew programm u qabel is-sottomissjoni tieghu ghall-procedura legislattiva" (Reg. 4 (1)). Illi dana l-provvediment jimplika illi l-unika mod kif jistghu jigu adottati pjanijiet, regulaturi tal-arji ta' zvilupp hu permezz tal-procedura legislattiva imma din m'hi xejn hlief trasposizzjoni zbaljata tad-Direttiva illi fl-artiklu 4(1) taghha tistipula minflok illi "The environmental assessment referred to in Article 3 shall be carried our during the preparations of a plan or programme and <u>before its adoption </u>or submission to the legislative procedure" Huwa evidenti illi d-Direttiva, illi trid tkopri kuntesti legislattivi diversi fil-varji pajjizi Ewropej, tikkontempla sitwazzjonijiet fejn l-adozzjoni ta' pjani regulaturi ma' ssirx fil-Parlament nazzjonali imma tramite proceduri stabiliti imma l-avviz legali msemmmi ghal xi raguni nspjegabbli halla barra tali possibilita' minkejja illi f'Malta l-adozzjoni ta' modifiki tal-pjani regulaturi tal-bliet u rhula ta' dawn il-Gzejjer trid issir skond il-procedura stabilita' fl-artiklu 27 tal-Kap. 356, liema procedura ma' taghti l-ebda rwol lil Kamra tad-Deputati.

7. Illi ciononostante, ai termini tal-artiklu 13(1) tad-Direttiva, l-Istati Membri kellhom iwettqu l-istess Direttiva sal-21 ta' Lulju

2004. L-artiklu 13(3) tad-Direttiva jistipula illi l-obbligi mposti mid-Direttiva japplikaw ghal dawn il-pjanijiet u programmi illi l-ewwel att formali taghhom sar wara l-21 ta' Lulju 2004. L-istess artiklu 13(3) tad-Direttiva jissottoponi pjani u programmi li l-ewwel att perparatorju formali sar qabel il-21 ta' Lulju 2004 u li gew adottati jew sottomessi ghall-procedura legislattiva aktar minn erbgha u ghoxrin xahar wara, jigifieri wara l-21 ta' Lulju 2006 ghall-obbligi tad-Direttiva "unless Member States decide on a case by case basis that this is not feasible and inform the public of their decision".

8. Illi l-Ezekuttiv hatar Tim ta' Verifika ta' l-Istimi Ambjentali Strategici u fuqu pogga lill-konvenuti Ciantar, Borg u Sciberras, ostensibilment biex jissorvelja l-operat tad-Direttiva kif trasposta bl-avviz legali minkejja illi tali struttura m'hix kontemplata fid-Direttiva u fl-avviz legali. Illi l-konvenuti Ciantar, Borg u Sciberras fil-kwalita' taghhom premessa ntalbu mill-konvenut Calleja fil-kwalita' tieghu ta' "chairman" ta' l-Awtorita' konvenuta jiddikjaraw jekk l-hekk imsejjah ezercizzju ta' razzjonalizzazzjoni tal-konfini ta' zvilupp li ta lok ghall-Mozzjoni ghandhux jigi assoggettat ghall-istejjem ambjentali strategici kif titlob id-Direttiva. Il-konvenut Ciantar f'ittra ddatata 20 ta' Lulju 2006 u li nkitbet ghan-nom ta' l-imsemmi Tim ta' Verifika ta' l-Istimi Ambjentali Strategici ezenta l-hekk imsejjah ezercizzju ta' razzjonalizzazzjoni tal-konfini ta' zvilupp li ta lok ghall-Mozzjoni mill-htiega ta' stejjem ambjentali strategici.

9. Illi tali esenzjoni giet motivata minn kunsiderazzjonijiet zbaljati u ntizi biex iqarqu l-opinjoni pubblika ghaliex m'hux minnu illi l-ewwel att preparatorju formali ta' l-hekk imsejjah ezercizzju ta' razzjonalizzazzjoni tal-konfini ta' zvilupp sar qabel il-21 ta' Lulju 2004. Kien pjuttost l-ezercizzju tal-pjani lokali li kien

qed isir kontestwalment u li gew approvati mill-Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent fit-3 t' Awwissu 2006 illi se mai kien jikkwalifika ghall-esenzjoni mill-provvedimenti tad-Direttiva u tal-Avviz Legali imma m'hux l-hekk imsejjah ezercizzju ta' razzjonalizzazzjoni tal-konfini ta' zvilupp illi ma' hemm l-ebda indikazzjoni jew prova konkreta illi kien inbeda qabel l-21 ta' Lulju 2004. Illi huwa evidenti illi l-konvenuti Ciantar, Borg u Sciberras u t-Tim taghhom inqdew bil-process tal-pjani lokali a tenur tal-artiklu 27 tal-Kap. 356 sabiex jitfghu salva uomo ghall-hekk imsejjah ezercizzju ta' razzjonalizzazzjoni tal-konfini ta' zvilupp approvat mill-Kamra tad-Deputati fis-29 ta' Lulju 2006 permezz tal-Mozzjoni u cioe` wara t-terminu konsentit mid-Direttiva meta l-pjani regulaturi hekk approvati mill-Kamra tad-Deputati, dato sed non concesso illi tali approvazzjoni hija legali, kellhom fi kwalunkwe kaz jigu assoggettati ghall-istejjem ambjentali strategici skont l-imsemmija Direttiva.

10. Illi anke fl-ipotesi m'hux avvallata bil-fatti illi l-ewwel att formali preparatorju ta' l-hekk imsejjah ezercizzju ta' razzjonalizzazzjoni tal-konfini ta' zvilupp sar qabel il-21 ta' Lulju 2004, il-konvenuti Ciantar, Borg u Sciberras u t-Tim taghhom kienu obbligati illi jezentaw tali pjanijiet "on a case to case basis" u m'hux en bloc kif ghamlu fl-imsemmija ittra tal-20 ta' Lulju 2006. Ghaldaqstant, anke f'dan l-aspett ferm importanti, il-konvenuti Caintar, Borg u Sciberras iddevjaw bil-kbir mill-provvedimenti tad-Direttiva u sejsu d-decizjoni taghhom fuq kunsiderazzjoni m'hux xierqa.

11. Illi ghaldaqstant l-esenzjoni moghtija mit-Tim imsemmmi u l-konvenuti Ciantar, Borg u Sciberras hi ghal kollox irregulari u m'ghandha l-ebda effett fil-ligi. Tali nullita' tinficja ukoll il-Mozzjoni numru 245 approvata mill-Kamra tad-Deputati fis-

seduta numru 427 tad-29 ta' Lulju 2006 ghax l-ebda pajjiz membru ma' jista' jadotta mizura li tmur kontra provvediment tal-Unjoni Ewropew, principju fundamentali tad-dritt Ewropew, liema principju gie rikonoxxut u nkorporat fl-ordinament giuridiku nostrali permezz ta' l-artiklu 3 tal-Att dwar l-Unjoni Ewropea, Kap. 460.

12. Illi inoltre l-approvazzjoni tal-pjani lokali mill-konvenut Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent fit-3 t'Awwissu 2006 m'hijiex valida stante illi tali data tigi wara t-terminu koncess mid-Direttiva ghall-approvazzjoni ta' pjani regulaturi minghajr il-htiega ta' ezenzjoni specifika u la l-konvenuti Ciantar, Borg u Sciberras u t-Tim taghhom u l-anqas l-ebda awtorita' pubblika ohra ma taw l-ebda ezenzjoni lill-Awtorita' konvenuta jew lil konvenut Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent mill-provvedimenti tad-Direttiva fir-rigward tal-pjani lokali in kwistjoni kif jiddisponi l-artiklu 13(3) tad-Direttiva.

13. Illi in vista tas-suespost l-Awtorita' konvenuta, taht piena ta' danni konsiderevoli, ghandha tiddesisti milli tapprova permessi ghall-izvilupp fiz-zoni li gew rezi fabbrikabbli permezz tal-Mozzjoni numru 245 u l-pjanijiet lokali approvati mill-Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent fit-3 t'Awwissu 2006 u dana sakemm jithejjew pjani lokali godda, jekk ikun hemm bzonn, ai termini tal-artiklu 27 tal-Kap. 356 u li josservaw it-termini tad-Direttiva u tal-avviz legali.

14. Illi dawk fost l-atturi li huma persuni fizici ghandhom jew jippossjedu proprjeta' immobbli f'dawn il-Gzejjer illi l-valur taghha giet serjament iddeprezzata bl-approvazzjoni tal-Mozzjoni numru 245 kif ukoll il-pjanijiet lokali approvati mill-Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent fit-3 t' Awwissu 2006 minghajr

ma z-zoni li bhala konsegwenza ddahlu fil-pjan regulatur u li gew rezi fabbrikabbli gew sottomessi ghal stejjem ambjentali strategici kif titlob id-Direttiva. Illi l-atturi l-ohra li huma persuni legali illi ghandhom interess illi l-izvilupp illi jigi permess f'dawn il-Gzejjer jitwettaq skond il-proceduri tal-ligi domestika u dik Ewropea u wara li jittiehdu in konsiderazzjoni l-aspetti rilevanti kollha.

15. Illi mis-suespost jidher manifest illi l-konvenuti Ciantar, Borg u Sciberras u t-Tim taghhom imxew b'mod mill-aktar legger, jekk m'hux addirittura rresponsabbli, meta ezentaw l-hekk imsejjah ezercizzju tar-razzjonalizzazzjoni tal-konfini ta' zvilupp mill-provvedimenti tad-Direttiva, liema exercizzju l-ewwel darba illi l-pubbliku sar jaf bih kien f'Mejju 2006 u meta naqsu li jezentaw tali ezercizzju fuq bazi ta' kaz kaz kif titlob id-Direttiva.

Ghaldaqstant jghidu l-konvenuta ghala dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex in vista tas-suespost:

1. Previa occorrendo riferenza preliminari lill-Qorti Ewropea tal-Gustizzja sabiex tiddikjara illi d-Direttiva hija applikabbli ghal artijiet rezi fabbrikabbli permezz tal-Mozzjoni u tal-approvazzjoni tal-Pjani Lokali u dana sakemm ma' tinghatax ezenzjoni kif tippermetti d-Direttiva, tiddikjara illi l-esenzjoni mit-termini tad-Direttiva fir-rigward ta' l-artijiet illi ostensibilment gew rezi fabbrikabbli permezz tal-Mozzjoni numru 245 approvata mill-Kamra tad-Deputati fid-29 ta' Lulju 2006, liema esenzjoni nghatat mill-konvenuti Ciantar, Borg u Sciberras li jifformaw l-hekk imsejjah Tim ta' Verifika ta' l-Istimi Ambjentali Strategici permezz tal-imsemmija ittra tal-20 ta' Lulju 2006 hija nulla u bla effett ghax imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet m'hux xierqa ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12.

2. Konsegwentement tiddikjara illi l-Mozzjoni numru 245 approvata mill-Kamra tad-Deputati hija nnull u bla effett ghax ma rrispettatx it-termini tad-Direttiva kif trasporta fil-ligi Maltija;

3. Tiddikjara illi l-Pjan Lokali approvati fit-3 t'Awwissu 2006 kienu ukoll jirrikjedu l-esenzjoni li d-Direttiva m'hix applikabbli fil-konfront taghhom, liema ezenzjoni qatt ma nghatat;

4. Konsegwentement, tiddikjara illi l-adozzjoni ta' tali Pjani Lokali mill-Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent fit-3 t'Awwissu 2006 ma' sarietx in konformita' mat-termini tad-Direttiva kif trasposta fil-ligi Maltija u ghaldaqstant, tali adozzjoni hija nulla u bla effett;

5. Tiddikjara illi l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ma tistax tapprova bini jew kwalunkwe zvilupp iehor f'dawk l-artijiet li ostensibilment gew rezi fabbrikabbli bil-Mozzjoni u bil-Pjan Lokali sakemm it-termini tad-Direttiva jigu rispettati.

Bl-ispejjez tal-prezenti u tal-protest gudizzarju tat-3 ta' Jannar 2007.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.'.

Rat ir-risposta guramentata ta' Andrew Calleja pro et noe' u tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament, l-istess rikorrenti jehtieg illi jippruvaw l-interess guridiku taghhom fil-proceduri orjerni;

2. Illi ukoll preliminarjament, l-intimat Andrew Calleja ma jistax jigi mharrek personalment f'dawn il-proceduri stante li hu jaqdi l-funzjonijiet tieghu bhala Chairman tal-Awtorita' esponenti u ghalhekk hu ghandu jigi mnehhi minn tali proceduri;

3. Illi preliminarjament l-azzjoni tar-rikorrent fil-konfront ta' l-Awtorita' esponenti hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 469A (3) tal-Kap. 12, u dan peress li l-involviment ta' l-Awtorita' esponenti fil-kaz ta' tfassil u l-approvazzjoni ta' pjan lokali huwa li tapprova abbozz ta' l-istess pjan lokali, liema abbozz, biex jigi fis-sehh jehtieg *ad validatem*, l-approvazzjoni ministerjali jew parlamentari skond dak kontenut fih, u stante illi l-parti relattiva ghal dawk iz-zoni li kien propost li jkunu inkluzi fiz-zona ta' l-Izvilupp, u ghaldaqstant li kienet tehtieg approvazzjoni parlamentari, kienet lesta, ippubblikata u maghrufa qabel il-hamsa (5) ta' Lulju 2006, u cioe' d-data meta tressqet ir-rizoluzzjoni parlamentari mill-Onor. Ministru quddiem il-kamra tad-Deputati;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-process li gab fis-sehh id-dizposizzjonijiet dwar il-pjan ta' struttura huwa wiehed legislattiv u mhux amministrattiv u ghaldaqstant huwa assurd li dawn il-provedimenti jigu impunjati abbazi ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12;

5. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-process ta' approvazzjoni tal-pjan ta' struttura a tenur ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 356, sar permezz tal-Mozzjoni nru 245 imressqa

ghall-approvazzjoni tal-Kamra tad-Deputati fil-5 ta' Lulju 2006;

6. Illi fit-12 ta' Lulju 2006, l-Awtorita' esponenti kienet kitbet lill-Audit Team appuntat taht ir-Regolamenti 418 ta' l-2005 fejn kien intalab jikkonferma jekk fil-fatt l-istudju kontemplat fl-istess regolamenti kienx mehtieg. Permezz ta' kommunikazzjoni mibghuta lill-Awtorita' esponenti fl-20 ta' Lulju 2006, ir-Regolatur ikkonferma illi dan l-istadju ma kienx mehtieg ghall-zewg ragunijiet. Kopja ta' din il-korrispondenza hija hawn annessa u markat bhala CSZ 1, u ghaldaqstant, stante illi tali decizjoni m'hijiex qeghda tigi impunjata bl-ebda mod mir-rikorrenti, l-istess talbiet tar-rikorrenti ghal dak li jirrigwardja l-applikazzjoni tar-Regolamnti 418 ta' l-2005 huma insostenibbli u nfondati fil-fatt u fid-dritt;

7. Illi l-Awtorita' esponenti qdiet l-inkarigu taghha fil-kumpilazzjoni u tlestija tal-Pjan Lokali, liema ezercizzju kien jinkludi l-estenzjoni taz-zoni ta' l-Izvilupp, skond il-provvedimenti tal-Ligi;

8. Illi l-approvazzjoni minn naha ta' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar tal-Pjan Lokali, saret mill-istess Awtorita' skond il-provvedimenti ta' l-Att 1 ta' l-1992 kif sussegwentement emendat, u in pjena osservanza tal-Ligijiet vigenti, inkluz ir-Regolamenti 418 tas-sena 2005 rigward l-Istima Ambjentali Strategika u ghaldaqstant, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma ghal kollox frivoli u vessatorji, u ghandhom jigu michuda;

9. Illi l-Pjan Lokali maghruf bhala Gozo Comino Local Plan gie mniedi f'Jannar tas-sena 1998. Ir-rapport finali ta' *survey* ikkommissjonat mill-Awtorita' esponenti tlesta f'Ottubru 2001 filwaqt ili l-process tal-konsultazzjoni pubblika beda f'Lulju 2002. F'Ottubru 2002 inghalaq il-process tal-konsultazzjoni pubblika u l-istess Pjan gie approvat bhala finali mill-Awtorita' esponenti fl-20 ta' Lulju 2006. Il-Pjan Lokali gie approvat mill-Ministru fit-3 ta' Awissu 2006;

10. Illi Il-Pjan Lokali maghruf bhala North Harbour Local Plan gie mniedi f'April tas-sena 1996. Ir-rapport finali ta' *survey* ikkommissjonat mill-Awtorita' esponenti kien tlesta fi Frar tas-sena 1996, filwaqt illi l-process tal-konsultazzjoni pubblika beda f'Mejju 2000. F'Lulju 2000 inghalaq il-process tal-konsultazzjoni pubblika u l-istess Pjan gie approvat bhala finali mill-Awtorita' esponenti fit-18 ta' Lulju 2006. Il-Pjan Lokali gie approvat mill-Ministru fit-3 ta' Awwissu 2006;

11. Illi l-Pjan Lokali maghruf bhala North West Local Plan gie mniedi f'April tas-sena 1995. Ir-rapport finali ta' *survey* ikkommissjonat mill-Awtorita' esponenti tlesta fl-istess perjodu filwaqt illi l-process tal-konsultazzjoni pubblika u l-istess Pjan gie approvat bhala finali mill-Awtorita' fit-18 ta' Lulju 2006. Il-Pjan Lokali gie approvat mill-Ministru fit-3 ta' Awissu 2006;

12. Illi l-Pjan Lokali maghruf bhala South Malta Local Plan gie mniedi f'Settembru tas-sena 1999. Ir-rapport finali ta' *survey* ikkommissjonat mill-Awtorita' esponenti tlesta fi Frar 2002 filwaqt illi l-process tal-konsultazzjoni pubblika beda f'Mejju 2005. F'Lulju 2005 inghalaq il-process tal-konsultazzjoni pubblika u l-istess Pjan gie approvat bhala finali mill-

Awtorita' esponenti fit-18 ta' Lulju 2006. Il-Pjan Lokali gie approvat mill-Ministru fit-3 ta' Awissu 2006;

13. Illi Il-Pjan Lokali maghruf bhala Central Malta Local Plan gie mniedi f'Mejju tas-sena 1999. Ir-rapport finali ta' *survey* ikkommissjonat mill-Awtorita' esponenti tlesta f'Novembru 2000 filwaqt illi l-process tal-konsultazzjoni pubblika beda f'Lulju 2002. F'Ottubru 2002 inghalaq il-process tal-konsultazzjoni pubblika u l-istess Pjan gie approvat bhala finali mill-Awtorita' esponenti fil-11 ta' Lulju 2006. Il-Pjan Lokali gie approvat mill-Ministru fit-3 ta' Awissu 2006.

14. Minn naha l-ohra il-Pjan Lokali maghruf bhala Grand Harbour Local Plan kien gie approvat mill-Ministru fis-sena 2001, filwaqt illi l-Marsaxlokk Harbour Local Plan kien gie approvat fis-sena 1995.

15. Illi l-approvazzjoni tal-Ministru ta' dawn il-Pjani Lokali illi kollettivament ikopru lill-Malta u Ghawdex kollha kienu jeskludu dawk l-estenzjonijiet illi kienu jmorru oltre' dak illi jipprovdi il-Pjan ta' Struttura stante illi l-approvazzjoni ta' dawk l-estensjonijiet ghall-Pjan ta' Struttura kellhom necessarjament, kif ser jigi spjegat, issegwi *iter* processwali differenti;

16. Illi l-Awtorita' ipprocessat dan l-ezercizzju *in pjena* ottemporanza mal-provvedimenti ta' l-artikolu 27, stante illi dan il-process ta' revizjoni parzjali tal-Pjan ta' Struttura huwa parti integrali mill-process tal-formalizazzjoni tal-Pjani Lokali. L-artikolu 27 tal-Kap. 356 jghid car x'inhi l-procedura illi ghandha tigi segwita fit-tfassil tal-Pjani Lokali

u jghid ukoll[1], illi meta il-Pjan Lokali jkun jestendi l-iskop jew jmur kontra il-Pjan ta' Struttura, ghandha tigi segwita il-procedura kontemplata fl-istess Ligi dwar meta jkun ser jigi emendat il-Pjan ta' Struttura. Illi huwa car illi meta jkun hemm proposta ta' estenzjoni ta' konfini ta' Zvilupp, u cioe' illi art illi sal-lum kienet il-barra mil-konfini ta' l-Izvilupp (ODZ) u tiddahhal fil-konfini ta' l-Izvilupp, dan ikun jehtieg revizjoni peritali tal-Pjan ta' Struttura illi minnu qeghdin jilmentaw ir-rikorrenti, permezz ta' liema gew segwiti il-proceduri kontemplati fl-artikoli 18 sa 22 ta' l-istess Kap. 356, liema process gie *ad validatem* sottomess ghall-iskrutinju u ghall-approvazzjoni tal-Kamra tad-Deputati;

17. Illi jinghad ukoll illi lanqas ma huwa l-kaz illi l-Awtorita' kellha l-htiega illi tirreferi il-materja lill-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar skond l-artikolu 27(2)(j) stante illi ma kien hemm l-ebda dubju illi l-estenzjoni taz-zoni ta' l-Izvilupp kif spjegat izjed il-fuq, kien jehtieg revizjoni parzjali tal-Pjan ta' Struttura tant illi l-Awtorita' esponenti, kif diga' inghad, bdiet il-procedura kontemplata fl-artikoli 18 sa 22 kif mitlub minnha permezz ta' l-artikolu 27(2)(i) u regghet nediet process ta' konsultazzjoni pubblika skond kif titlob il-Ligi proprju minhabba dik il-parti fil-Pjani Lokali li kienet tehtieg ir-Rizoluzzjoni Parlamentari ghall-approvazzjoni taghha;

18. Illi jinghad ukoll illi l-artikolu 18(3B) ta' l-istess att jipprovdi illi f'kaz ta' revizjoni tal-Pjan ta' Struttura, il-Kabinett jista' jibghat kriterji lill-istess Awtorita' biex dina tuzhom fl-ezercizzju tar-revizjoni. Jinghad ukoll illi certament, dak kontenut fil-kriterji mibghuta lill-Awtorita' esponenti, m'ghandux u ma jistax jigi indirizzat lejn l-Awtorita'

[1] Artikolu 27(2)(i)

esponenti, stante illi l-kriterji ma sarux mill-istess Awtorita' izda mill-istess Kabinett tal-Ministri.

19. Illi l-istess jinghad rigward ghall-Istima Ambjentali Strategika skond ir-Regolamenti 418 tas-sena 2005. Dawn ir-regolamenti, kif ukoll id-direttiva ta' l-Unjoni Ewropea fuq il-materja, jipprovdu ghall-klawzola tranzitorja, illi tipprovdi illi tali stima m'hijiex necessarja jekk pjan ikun beda qabel il-21 ta' Lulju 2006. Tali klawzola hija cara bizzejjed u ghaldaqstant wiehed ma jistax jifhem l-ilment tar-rikorrenti f'dan ir-rigward, stante' illi kif jirrizulta ampjament car minn dak sottomess izjed il-fuq, il-hames Pjani Lokali li gew approvati f'Awissu 2006 kienu gew mnedija ferm qabel Lulju tas-sena 2004, filwaqt illi l-Pjani Lokali gew sottomessi ghall-process legizlattiv qabel il-21 ta' Lulju 2006 – il-Pjani Lokali minghajr l-estensjoni taz-zoni ta' l-izvilupp gew sottomessi quddiem il-Bord tal-MEPA u approvati mill-istess Bord qabel il-21 ta' Lulju 2006, filwaqt illi dik il-parti li kienet tikkoncerna l-estenzjoni taz-zoni ta' l-Izvilupp giet sottomessa quddiem il-Parlament permezz tar-rizoluzzjoni tal-5 ta' Lulju 2006 li sussegwentement giet approvata fis-26 ta' Lulju 2006;

20. Illi r-regolament 9 tar-regolament 418 ta' l-2005 jipprovdi:

> *These regulations shall apply to the plans and programmes of which the first formal preparatory act was subsequent to 21st July 2004. Plans and programmes of which the first formal preparatory act is before that date and which are adopted or submitted to the legislative procedure more than 24 months thereafter, shall be made subject to the obligation referred to in paragraph (a) of Schedule 5 unless the Competent Authority decides on a case by case basis that this is not feasible and informs the public of its decision.*

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.'.

Rat ir-risposta guramentata tal-Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent, Christopher Ciantar, Simone Borg u Jacques Sciberras pro et noe li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju, ir-rikorrenti jehtieg illi jipprovaw l-interess guridiku taghhom fil-proceduri odjerni;

2. Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju ma jidhirx li giet ezebita l-awtorizzazzjoni idoneja da parti tar-rikorrenti sabiex l-Professur Edward Mallia jintavola l-proceduri odjerni ghan-nom u in rapprezentanza tar-rikorrenti 'Friends of the Earth', u ghaldaqstant ghandha tigi ezebita tali awtorizzazzjoni;

3. Illi ukoll in via preliminari u minghajr pregudizzju, l-intimati Christopher Ciantar, Simone Borg u Jacques Sciberras ma jistghux jigu mharrka personalment f'dawn il-proceduri stante illi l-istess intimati msemmija kienu qed jaqdu l-funzjonijiet taghhom fuq t-Tim tal-Verifika ta' l-Istimi Ambjentali Strategici kif appuntat permezz ta' l-Avviz Legali 418 ta' 2005 (Tim tal-Verifika) fl-ambitu ufficjali taghhom u skond il-ligi u ghaldaqstant l-istess intimati msemmija f'isimhom personali ghandhom jigu lliberati mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Illi preliminarjament, l-azzjoni tar-rikorrent fil-konfront ta' l-Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent hija preskritta a tenur tal-provvedimenti ta' l-Artikolu 469A(3) tal-Kap. 12;

5. Illi dak li ntqal fil-paragrafu precedenti, jirrizulta anke fil-konfront tal-azzjoni mehuda mit-Tim tal-Verifika, mahtur skond il-ligi, fir-rigward tal-ittra li hareg l-istess Tim ddatata 20 ta' Lulju 2006 (Dokument CSZ 1 ezebit mill-intimata Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) fejn wasal ghall-konkluzzjoni li fil-fatt l-process tal-approvazzjoni tal-Pjan Lokali, kkunsmat bl-esercizzju ta' razzjonalizzazzjoni li qed jigi mpunjat mir-rikorrenti, fil-fatt ma jaqax taht ir-rekwiziti imposti a bazi tar-Regolamenti 9 tal-Avviz Legali 418 ta' 2005 li titrasponi d-Direttiva Ewropea 2001/42/EC;

6. Illi ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-process li gab fis-sehh id-dizpozizzjonijiet dwar il-pjan ta' struttura huwa wiehed legislattiv u mhux amministrattiv u ghaldaqstant l-procedura odjerna zgur m'hijiex l-procedura idoneja li kellha tintuza biex tigi impunjata decizjoni abbazi ta' l-Artikolu 469A tal-Kap. 12;

7. Illi fit-12 ta' Lulju 2006 l-Audit Team appuntat taht ir-Regolamenti 418 ta' l-2005 kien intalab jikkonferma jekk fil-fatt l-Istudju Strategiku Ambjentali kkontemplat fl-istess regolamenti kienx mehtieg;

8. Illi permezz ta' kommunikazzjoni mibghuta mill-istess Tim ta' Verifika fl-20 ta' Lulju 2006, (Dokument CSZ 1 ezebit mill-Awtorita intimata, l-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar) gie kkonfermat illi dan l-istudju ma kienx mehtieg;

9. Illi ghandu jigi ribadit li t-Tim tal-Verifika wasal ghal-konkluzzjonijiet tieghu wara li ha in konsiderazzjoni fatti li rrizultaw lilu u li abbazi taghhom jirrizulta b'mod car li l-process kollu tal-pjan li l-ezercizzju tar-razzjonalizzazzjoni, li qed isir attentat biex jigi mpunjat mir-rikorrenti permezz ta' dan ir-rikors, jifforma parti integrali tal-pjan ta' struttura;

10. Illi f'dan il-kuntest u b'mod partikulari l-esponenti jixtieq jirreferi ghall-paragrafu 4 tad-Dokument CSZ 1 ezebit mill-intimata Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u Ippjanar li jghid:

> *'No NEW requests were included other than those submitted during the consultation process'*

11. Illi dan ifisser li dak li qed jikkontendu r-rikorrenti meta allegaw li ma sarux il-konsultazzjonijiet pubblici idoneji f'dan ir-rigward ma jirrizultawx minn ezami tal-fatti;

12. Illi l-process li r-rikorrenti qed jillamentaw minnu huwa parti integrali mill-pjan li l-ewwel att formali tieghu jmur lura ghas-sena 1991;

Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti.'.

Rat illi wara l-astensjoni tal-ewwel zewg Imhallfin assenjati b'dan ir-rikors guramentat, din il-Qorti diversament preseduta mill-Onor. Imhallef Lino Farrugia Sacco nhar it-30 ta' April, 2008

nnominat lil Dr. Yvette Cassar bhala Assistent Gudizzjarju sabiex tisma l-provi tal-partijiet.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti tirrileva li dan ir-rikors gie ntavolat lura fil-21 ta' Jannar tas-sena 2007 u kien assenjat lil erba' (4) Mhallfin ohra qabel ma gie ghandha f'Ottubru tas-sena 2019. Ftit zmien wara, din il-Qorti kif preseduta ddikjarat il-provi tal-partijiet maghluqa u ddifferiet ir-rikors ghad-decizjoni. Irrizulta izda li fl-istadju tan-noti ta' sottomissjonijiet ir-rikorrenti ndunaw li fl-atti kien hemm nieqsa t-traskrizzjoni tax-xiehda tal-Perit George Pullicino li kien il-Ministru responsabbli fiz-zmien meta ttiehdu d-decizjonijiet attakkati, liema xiehda kienet inghatat lura fis-sena 2011, u ghalkemm din il-Qorti ghamlet minn kollox biex tirrintracca din it-traskrizzjoni ma rnexxiliex u ghalhekk kellha tissospendi l-prolazzoni tad-decizjoni sabiex jerga jinstema dan ix-xhud. Wara li sar dan ir-rikors rega' gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat illi fil-verbal datat 28 ta' Jannar 2021 ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni bil-fakulta' lill-partijiet sabiex jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub.

Rat is-sottomissjonijiet tal-partijiet fl-atti.

Rat il-Pjan ta' Struttura ghall-Gzejjer Maltin shih li jgib id-data ta' Dicembru 1990.

Rat il-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta 'Att Dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp" partikolarment fl-istadju ta' dak li kien jiprovdi fis-sena 2006, stante li llum parti sostanzjali minnu giet abrogata u sorpassata b' ligi ohra.

Rat id-Direttiva 2001/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Gunju, 2001 dwar l-Istima ta' l-effetti ta' certi pjanijiet u programmi fuq l-ambjent.

Rat l-Avviz Legali 418 ta' l-2005 taht l-Att dwar il-Harsien ta' l-Ambjent (Kap. 435) intitolat 'Regolament ta' l-225 dwar Stima Ambjentali Strategika.'

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat;**

Illi din hija azzjoni ghal stharrig gudizzjarju a tenur tal-artikolu 469 A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), kif ukoll isostnu l-istess rikorrenti. Fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom ir-rikorrenti jemfasizzaw li l-ghemil amminstrattiv impunjat minnhom permezz ta' din il-kawza hija d-decizjoni mehuda mit-Tim ta' Verifika ta' L-Istimi Ambjentali Strategici, li dak iz-zmien kien presedut mic-Chairman l-intimat Christoper Ciantar u z-zewg membri l-ohra kienu l-intimati Simone Borg u Jacques Sciberras. Din id-decizjoni ggib id-data tal-20 ta' Lulju, 2006 u kopja taghha tinsab esebita a fol. 26 u 27 tal-process. Dan id-dokument fil-fatt jikkonsisti f'ittra ndirizzata lil dak iz-zmien Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar Andrew Calleja, wkoll intimat f'dawn il-proceduri.

Illi fir-rikors guramentat taghhom r-rikorrenti jsostnu li permezz ta' din l-ittra a fol. 26 u 27 it-Tim ta' Verifika ezenta l-ezercizzju ta' razzjonalizzazzjoni tal-konfini ta' zvilupp mill-htiega li ssir Stima Ambjentali Strategika (STA) fit-termini tad-Direttiva 2001/42/KE tas-27 ta' Gunju 2001 dwar l-istima ta' certi pjanijiet u programmi fuq l-ambjent kif ukoll trasposta fil-ligi Maltija permezz tal-Avviz

Legali 418 tas-sena 2005 intitolat 'Regolament ta' l-2005 dwar Stima Ambjentali Strategika.'

Illi jirrizulta li l-ezercizzju ta' razzjonalizzazzjoni jikkonsisti f'ezercizzju li permezz tieghu bosta artijiet madwar il-gzejjer Maltin saru jifformaw parti miz-zona ta' zvilupp, suggett izda li fuqhom issir 'planning control application' li tkopri z-zona kollha nvoluta qabel ma kwalunkwe zvilupp jkun jista' jsir fuqhom. Dan l-ezercizzju gie kkunsidrat mit-Tim tal-STA bhala formanti parti ntegrali mill-ezercizzju tal-approvazzjoni tal-Pjani Lokali f'Malta u Ghawdex u mhux bhala wiehed separat, ghalhekk l-istess Tim wasal ghall-konkluzjoni fl-ittra hawn fuq imsemmija li dan l-ezercizzju kienu ilu li beda ferm qabel Lulju tal-2004 u li bhala konsegwenza l-procedura mressqa quddiemu mill-Awtorita' ntimata kienet ezenti milli ssir fuqha Stima Ambjentali Strategika kif timponi d-direttiva tal-Unjoni Ewropea, qabel ma tigi approvata.

Illi fl-atti odjerni r-rikorrenti jsostnu li l-ezenzjoni moghtija mit-Tim ta' Verifika kienet wahda zbaljata ghaliex, skont ir-rikorrenti, mhux minnu li l-ezercizzju ta' razzjonalizzazzjoni kien jifforma parti integrali mill-ezercizzju tal-approvazzjoni tal-Pjani Lokali tal-Gzejjer Maltin, izda kien ezercizzju li sar b'mod separat, ta' malajr, fix-xhur ta' qabel Lulju 2006, u ghalhekk isostnu li ma kellux jigi ezentat stante li ma kienx jikkwalifika taht id-Direttiva kif ukoll trasposta fil-ligi Maltija. Ir-rikorrenti jkomplu jsostnu li la darba d-decizjoni tat-Tim tal-STA tigi dikjarata bhala wahda zbaljata, konsegwentement ghandha tigi wkoll dikjarata nulla u nvalida l-mozzjoni tal-Parlament datata 26 ta' Lulju, 2006 numru 245 li permezz taghha l-art inkluza fir-razzjonalizzazzjoni giet approvata mill-Parlament. Ir-rizultat tat-talbiet tar-rikorrenti kif suesposti jkun li z-zoni kollha ta' razzjonalizzazzjoni approvati

lura f'Lulju tas-sena 2006 jigu dikjarati li mhux legalment approvati bhala zoni fejn jista' jigi approvat zvilupp mill-Awtorita' tal-Ippjanar intimata. Dan possibilment ikollu l-effett li jrendi l-izvilupp kollu li sar f'dawn iz-zoni mis-sena 2006 l-quddiem kollu llegali.

Illi r-rikorrenti ulterjoment, permezz tat-tielet u r-raba' talba taghhom, jitolbu li din il-Qorti tiddikjara wkoll li anki l-ezercizzju tal-approvazzjoni tal-Pjani Lokali li gie approvat mill-Ministru koncernat, dak iz-zmien il-Perit George Pullicino, ghandu jigi dikjarat null u bla effett u dan stante li jargumentaw li dan gie approvat f'Awwissu tas-sena 2006, filwaqt li l-ezenzjoni milli ssir Stima Ambjentali Strategika fit-termini tad-Direttiva msemmija kienet tapplika biss sa' Lulju, 2006. Ir-rikorrenti jsostnu li in vista li l-approvazzjoni saret f'Awwissu 2006, kellha tinghata ezenzjoni specifika mit-Tim tal-STA ghall-ezercizzju tal-Pjani Lokali (li r-rikorrenti jirrikonoxxu li kienu ilu s-snin ghaddej) qabel ma jigu approvati mill-Ministru. Stante n-nuqqas ta' ezenzjoni mit-Tim ta' Verifika r-rikorrenti jsostnu li konsegwentement allura l-approvazzjoni tal-Pjani Lokali mill-Ministru fit-3 ta' Awwissu, 2006 hija nulla u nvalida fil-ligi b'dana li jrendi l-Pjani Lokali kollha approvati f'dik id-data (5 minn 7 applikabbli ghall-Gzejjer Maltin) bhala li mhux formanti mil-Ligi, daqs li kieku ma jezistux. Li kieku kellha tintlaqa din it-talba bhala gustifikata jfisser li dak kollu li sar taht u skont il-Pjani Lokali approvati f'Awwissu 2006, partikolarment permessi ta' zvilupp li nhargu fit-termini tal-istess sal-lum, possibilment ukoll ikun null u nvalidu fil-ligi.

Ulterjorment u konsegwenza ghat-talbiet precedenti, r-rikorrenti jitolbu li din il-Qorti twaqqaf lill-Awtorita' tal-Ambjent u Ippjanar intimata milli tevalwa u taghti kwalunkwe permess ta' zvilupp fiz-zoni kollha koperti mill-hames Pjani Lokali attakkati kif ukoll

dawk koperti mill-ezercizzju ta' Razzjonalizzazzjoni. Il-Qorti f'dan l-istadju tirrileva li lura fis-sena 2006, ir-rikorrenti kienu wkoll ittentaw mandat ta' inibizzjoni sabiex dan il-process kollu jitwaqqaf, izda mill-informazzjoni li rat din il-Qorti fl-atti odjerni, dik it-talba kienet giet michuda fuq bazi ta' *prima facie* mill-Onorevoli Imhallef Ray Pace.

Illi apparti l-eccezzjonijiet preliminari kif suesposti, fosthom li jrid jigi ppruvat l-interess guridiku tar-rikorrenti u li l-intimati ma kellhomx jigu mharrka personalment, l-intimati eccepew il-preskrizzjoni tal-azzjoni kif dedotta fil-konfront tal-Ministru u tat-Tim tal-STA stante li jsostnu li hija preskritta a tenur tal-artikolu 469 A cioe' d-dekadenza ta' sitt xhur. Eccepew ukoll preliminarjament li d-decizjonijiet attakkati mir-rikorrenti mhumiex decizjonijiet amministrattivi izda legislattivi u ghalhekk il-bazi tal-kawza fit-termini tal-artikolu 469 A hija wahda zbaljata. Fil-mertu eccepew li l-ezercizzju li wassal ghall-approvazzjoni tal-Pjani Lokali fit-3 ta' Awissu, 2006 u taz-zoni ta' razzjonalizzazzjoni fis-26 ta' Lulju 2006, kien ezercizzju wiehed bir-razzjonalizzazzjoni formanti parti integrali mill-process tal-Pjani Lokali, li l-ewwel att taghhom jmur lura ghas-sena 1991 u ghalhekk kien kollu ezenti mill-bzonn li jsir STA fuqu qabel jigi approvat. Ic-Chairman tal-Awtorita' intimata zied ukoll fir-risposta tieghu li ghall-kuntrarju ta' dak espost mir-rikorrenti, l-artikolu 27 tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta jippermetti li ssir il-procedura kif effettivament sehhet u cioe' li l-Pjani Lokali jigu approvati mill-Ministru filwaqt li r-razzjonalizzazzjoni giet approvata mill-Parlament, dan stante li l-artikolu 27 jipprovdi ghal dan billi jaghmel referenza ghall-artikoli 18 sa 22 tal-istess Att. Izid ukoll li l-kriterji li fuqhom giet msejsa l-konkluzjoni tal-ezercizzju ta' razzjonalizzazzjoni nhargu mill-Kabinett appuntu fit-termini tal-artikolu 18 (3) (B) tal-Kap. 356 u mhux mill-Awtorita'. Jinsisti wkoll li l-ezercizzju kollu kien kopert

mill-klawzola transitorja nkluza fir-Regolament 418 tas-sena 2005 u dan billi nghatat ezenzjoni mit-Tim tal-STA stante li l-ezercizzju kien ilu snin twal li nbeda.

**Ikkunsidrat;**

Illi l-kaz odjern isib il-bazi tieghu fl-Artikolu 469 A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li jaqra kif isegwi:

> **'469A.** (1) Ħlief hekk kif provdut mod ieħor bil-liġi, il-qrati tal-ġustizzja ta' kompetenza ċivili għandhom ġurisdizzjoni biex jistħarrġu l-validità ta' xi egħmil amministrattiv jew li jiddikjaraw dak l-egħmil null, invalidu jew mingħajr effett fil-każijiet li ġejjin biss:
> (*a*) meta l-egħmil amministrattiv jikser il-Kostituzzjoni;
> (*b*) meta l-egħmil amministrattiv ikun *ultra vires* għal xi raġuni minn dawn li ġejjin:
> (i) meta dak l-egħmil jitwettaq minn awtorità pubblika li ma tkunx awtorizzata sabiex twettqu; jew
> (ii) meta l-awtorità pubblika tkun naqset milli tosserva l-prinċipji tal-ġustizzja naturali jew ħtiġiet proċedurali mandatorji fit-twettiq tal-egħmil amministrattiv jew fid-deliberazzjonijiet ta' qabel dwar dak l-egħmil; jew
> (iii) meta l-egħmil amministrattiv jikkostitwixxi abbuż tas-setgħa tal-awtorità pubblika billi dan isir għal għanijiet mhux xierqa jew jissejjes fuq konsiderazzjonijiet mhux rilevanti;
> (iv) meta l-egħmil amministrattiv ikun imur mod ieħor kontra l-liġi.
> (2) F'dan l-artikolu -
> "egħmil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, *warrant*, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi

persuna li jsir minn awtorità pubblika, iżda ma tinkludix xi ħaġa li ssir bl-għan ta' organizzazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorità:

Iżda, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabbilixxi perijodu li fih awtorità pubblika tenħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira;

"awtorità pubblika" tfisser il-Gvern ta' Malta, magħdudin il-Ministeri u dipartimenti tiegħu, awtoritajiet lokali u kull korp magħqud kostitwit permezz ta' liġi u tinkludi Bordijiet li jkollhom awtorità bil-liġi li joħorġu *warrants* għall-eżerċizzju ta' xi sengħa jew professjoni.

(3) Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(*b*) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv.

(4) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu ma għandhomx japplikaw meta l-mod ta' kontestazzjoni jew ta' ksib ta' rimedju dwar xi att amministrattiv partikolari quddiem qorti jew tribunal jiġi provdut dwaru f'xi liġi oħra.

(5) F'azzjoni li ssir bis-saħħa ta' dan l-artikolu l-attur ikun jista' jinkludi fit-talbiet tiegħu talba għall-ħlas tad-danni li tkun imsejjsa fuq ir-responsabbiltà allegata tal-awtorità pubblika li tkun għamlet delitt jew kważi delitt li joħroġ mill-att amministrattiv. Dawk id-danni ma għandhomx jingħataw mill-qorti meta minkejja l-annullament tal-att amministrattiv l-awtorità pubblika ma tkunx aġixxiet *in mala fede* jew b'mod mhux raġonevoli jew meta l-azzjoni mitluba mill-attur setgħet legalment u raġonevolment ġiet miċħuda taħt kull setgħa oħra.

(6) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, u ta' kull dispożizzjoni oħra ta' din il-liġi u ta' kull liġi oħra, servizz mal-Gvern hu rapport speċjali regolat b'dispożizzjonijiet speċjali speċifikatament applikabbli għalih u bil-pattijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti minn żmien għal żmien mill-Gvern, u ebda liġi jew dispożizzjoni tagħha dwar kondizzjonijiet ta' impieg jew kuntratti ta' servizz jew ta' impieg ma tapplika, u qatt ma kienet tapplika, għal servizz mal- Gvern ħlief safejn dik il-liġi ma tipprovdix xort'oħra.'

**Eccezzjoni li l-eghmil attakkat mhux wiehed amministrattiv izda legislattiv:**

Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrent fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom a fol. 951 tal-process jiddikjaraw kif isegwi:

'Illi fid-dawl ta' dan kollu, l-esponenti jissottomettu bil-qima illi kif intwera fil-mori tal-kawza u kif ser jigi spjegat f'din in-nota, id-decizjoni impunjata permezz ta' din l-azzjoni, cioe', id-decizjoni mehuda mill-ezekuttiv ossia it-Tim ta' Verifika tal-Istimi Ambjentali Strategici illi l-process ta' revizjoni parzjali tal-pjan ta' struttura (li permezz tieghu medda kbira ta' artijiet gew rezi fabbrikabbli) ma jigix suggettat ghal Stima Ambjentali Strategika hija ezempju car ta' eghmil amministrattiv li jinkwadra perfettament f'dak li intenda il-legislatur meta dan ippromulga l-Artikolu 469 A fil-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.'

Illi l-Qorti ma tistax ma tinnotax li filwaqt li fir-rikors guramentat ir-rikorrenti jindikaw li qed jattakkaw il-validita' ta' diversi decizjonijiet u cioe':

1. Id-decizjoni tat-Tim ta' Verifika tal-istimi Ambjentali Strategici datata 20 ta' Lulju, 2006;
2. Il-Mozzjoni 245 tal-Parlament datat 26 ta' Lulju, 2006; u,
3. L-approvazzjoni tal-Pjani Lokali da parti tal-Ministru datata 3 ta' Awwissu, 2006;

Fis-sottomissjonijiet taghhom jinsistu, ghal diversi drabi, li l-uniku ghemil amministrattiv attakkat permezz tal-kawza odjerna hija d-decizjoni tat-Tim ta' Verifika tal-Istimi Ambjentali Strategici illi jezenta l-ezercizzju tar-razzjonalizzazzjoni tal-konfini ta' zvilupp mill-htiega ta' Stima Ambjentali Strategika datata 20 ta' Lulju, 2020 (esebita a fol. 26 u 27 tal-process).

Il-Qorti izda rat ir-raba' eccezzjoni ta' Andrew Calleja et u s-sitt eccezzjoni tal-intimati Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent et., li jeccepixxu li d-decizjonijiet relatati mal-approvazzjoni tal-pjan ta' struttura u l-pjani lokali kienu jikkonsistu fi procedura legislattiva u mhux amministrattiva u ghalhekk ma jinkwadrawx ruhhom taht l-artikolu 469 A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi kif gia inghad, fis-sottomissjonijiet taghhom ir-rikorrenti emfasizzaw biss fuq id-decizjoni tat-Tim ta' Verifika datata 20 ta' Lulju 2020, filwaqt li hallew kompletament barra mis-sottomissjonijiet taghhom l-approvazzjoni tal-iskema ta' razzjonalizzazzjoni mill-Parlament li ggib id-data tas-26 ta' Lulju, 2006 (mozzjoni 245) u l-approvazzjoni tal-Pjani Lokali mill-Ministru li ggib id-data tat-3 ta' Awwissu, 2006.

Il-Qorti tqis din l-ommissjoni, da parti tar-rikorrenti, bhala ammissjoni cara li r-rikorrenti jirrikonoxxu li kemm il-Mozzjoni tal-Parlament kif ukoll l-approvazzjoni tal-Pjani Lokali da parti tal-Ministru ma jinkwadrawx ruhhom taht l-artikolu 469 A,

partikolarment taht id-definizzjoni ta' 'eghmil amministrattiv' u ghalhekk ma jistghux jigu attakkati permezz tal-proceduri odjerni msejsa fuq l-artikolu 469 A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi ommissjoni apparti, l-Qorti minn qari tad-definizzjoni ta' 'eghmil amministrattiv' taht l-artikolu 469 A Kap 12 hija wkoll tal-fehem li l-'Mozzjoni 245' datata 26 ta' Lulju, 2006 li permezz taghha l-parlament u cioe' l-legislattiv approva r-revizjoni Parzjali tal-Pjan ta' Struttura ghall-Gzejjer Maltin (l-ezercizzju ta' razzjonalizzazzjoni), bl-ebda tigbid ta' interpretazzjoni ma tista' tigi nkwadrata f'din id-definizzjoni u ghalhekk taqa' barra l-iskop tal-proceduri odjerni. L-istess jinghad dwar l-approvazzjoni tal-Pjani Lokali da parti tal-Ministru responsabbli stante li ma tinkwadraw ruhha u ma tikkwalifikax bhala hrug ta' ordni, licenza, permess, warrant, decizjoni jew ir-rifjut ghal talba ta' xi persuna li sar minn awtorita' pubblika kif tghid il-ligi.

Illi min-naha l-ohra, fir-rigward tad-Decizjoni tal-Tim ta' Verifika li permezz taghha l-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar giet infurmata li kienet qed tinghata esenzjoni milli jsir Stima Ambjentali Strategika (ara decizjoni a fol. 26 u 27 tal-process), il-Qorti tqis li huwa car u evidenti li din id-decizjoni taqa' taht id-definizzjoni ta' 'eghmil amministrattiv' kif moghtija fl-artikolu 469 A stante li hija decizjoni minn talba tal-Awtorita' ntimata minn Awtorita pubblika (it-Tim), u ghalhekk taqa' sabiex tigi mistharrga fl-ambitu tal-kawza odjerna.

Illi in vista ta' dak suespost, il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' r-raba' eccezzjoni ta' Andrew Calleja et. u s-sitt eccezzjoni tal-Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent et limitatament fir-rigward:

(i) tal-'Mozzjoni 245', datata 26 ta' Lulju, 2006, li permezz taghha giet approvata r-Revizjoni Parzjali tal-Pjan ta' Struttura ghall-gzejjer Maltin u li ghalhekk permezz taghha l-art inkluz fil-process ta' razzjonalizzazzoni saret legalment art zviluppabbli suggett ghall-kriterji mposti mil-ligi; u

(ii) l-approvazzjoni tal-Ministru ntimat tal-hames Pjani Lokali li kien ghadhom mhux approvati datata 3 ta' Awwissu, 2006.

In vista ta' dan il-Qorti ma jibqala l-ebda alternattiva ghajr li tichad it-talbiet kollha promotorji tar-rikorrenti kull fejn jirrigwardaw dawn iz-zewg decizjonijiet direttament, salv izda li l-Qorti trid tiehu wkoll kont tal-fatt li t-talbiet tar-rikorrenti jibbazaw in-nullita ta' dawn id-decizjonijiet bhala rizultat tal-allegata nullita` tad-decizjoni tat-Tim ta' Verifika, jew l-allegat nuqqas ta' decizjoni. Din il-kwistjoni ser tigi trattata aktar l' isfel f'din id-decizjoni.

**<u>Interess guridiku tar-rikorrenti:</u>**

Illi l-intimati kollha qajjmu bhala l-ewwel eccezzjoni taghhom in-nuqqas ta' nteress guridiku da parti tar-rikorrenti sabiex jintavolaw il-kawza odjerna.

Il-Qorti rat mix-xiehda voluminuza fl-atti odjerni u mid-dokumentazzjoni esebita li bosta mir-rikorrenti huma persuni sidien ta' proprjeta' mmobbli li b'xi mod jew iehor iqisu li ser tigi affettwata rizultat tal-fatt li permezz tad-decizjoni attakkata certu zoni li kienu 'green area' jew barra z-zona ta' zvilupp, gew approvati ghall-izvilupp. Fil-fatt bosta mir-rikorrenti jilmentaw minn deprezzament fil-valur tal-proprjeta' taghhom u li ser jitilfu l-veduta mill-proprjetajiet rispettivi taghhom. Rikorrenti ohra

jikkonsistu f'ghaqdiet ambjentali u ancillari li lkoll sostnew li dahlu parti f'dawn il-proceduri stante li ghandhom ghal qalbhom l-ambjent rurali tal-gzejjer Maltin u li ma jridux jaraw l-artijiet in kwistjoni zviluppati f'bini residenzjali jew bini iehor.

Il-Qorti rat ukoll it-tieni eccezzjoni tal-Ministru intimat fejn jinghad li rikorrent partikolari l-Professur Edward Mallia ma prezentax l-awtorizzazzjoni idonea li tawtorizzah sabiex jintavola l-kawza odjerna ghan-nom tal-ghaqda 'Friends of the Earth'. Rat li mill-affidavit ta' Martin Galea De Giovanni, Chairperson tal-Ghaqda 'Friends of the Earth' (a fol. 98 tal-process) li dan ix-xhud jikkonferma li l-Professur Edward Mallia f'laqgha datata 20 ta April gie awtorizzat jirraprezenta l-ghaqda fil-proceduri odjerni. Rat ukoll li fix-xiehda tal-Professur Mallia, ghalkemm tqajjmet din l-eccezzjoni mill-intimati, l-intimati fil-linja ta' domandi li saru lilu ma qajjmux dan il-punt. Il-Qorti tqis li fl-atti gie sufficjentement pruvat li l-Profs Edward Mallia gie debitament awtorizzat jiprezenta l-kawza odjerna f'isem ghaqda 'Friends of the Earth'.

Illi dwar l-interess guridiku tar-rikorrenti l-Qorti, minghajr pregudizzju ghal mertu, tqis li l-fatt li uhud mill-atturi qiesu li permezz tad-decizjoni attakkata l-proprjeta' taghhom kienet ser tonqos fil-valur partikolarment ghax tonqos il-veduta huwa nteress bizzejjed skont il-ligi sabiex jisradika fihom id-dritt li jintavolaw dawn il-proceduri. Dwar l-ghaqdiet ambjentali rikorrenti l-Qorti tqis li ma jezisti l-ebda dubju li ghaqda ambjentali ghandha l-interess guridiku li trid il-ligi sabiex tattakka decizjoni amministrattiva li bla dubju, fic-cirkostanzi tal-kaz odjern, taffettwa l-ambjent b'mod negattiv fis-sens li zoni mhux zghar ta' art, li sad-data tal-eghmil attakkat, kienu 'green area' u ghalhekk formanti parti mill-ambjent naturali tal-Gzejjer, permezz ta' dik id-decizjoni gew zviluppabbli. Ghalhekk minn dawn l-

aspetti, u minghajr pregudizzju ghall-mertu, l-Qorti tqis li r-rikorrenti kollha ghandhom l-interess guridiku li trid il-ligi fil-proceduri odjerni u ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimati kollha u t-tieni eccezzjoni tal-intimat Ministru et.

**<u>Illi l-intimati ma kellhomx jitharrku personalment:</u>**

Illi jirrizulta li l-intimat Andrew Calleja, li fiz-zmien tal-eghmil attakkat kien Chairman tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar, fir-rikors guramentat gie mharrek ukoll f'ismu propru u ghalhekk ressaq it-tieni eccezzjoni fejn isostni li hu ma setax jigi mharrek personalment stante li fil-proceduri attakkati huwa kien qed jaqdi l-funzjonijiet tieghu bhala Chairman tal-Awtorita'. L-istess eccezzjoni qajmu l-intimati Christopher Ciantar, Simone Borg u Jacques Sciberras li lkoll gew imharrka personalment izda jsostnu li huma kienu qed jagixxu fil-funzjonijiet taghhom bhala membri tat-Tim ta' Verifika ta' L-istimi Ambjentali Strategici kif nominati fit-termini tal-Avviz Legali 418 tas-sena 2005.

Illi r-rikorrenti fis-sottomissjonijiet taghhom jibqghu jinsistu li l-intimati personalment ukoll ghandhom locus standi fil-proceduri odjerni izda l-Qorti rat li fl-atti hafna mir-rikorrenti, fix-xiehda rispettiva taghhom, meta mistoqsija direttament x'interess kellhom li jharrku lill-persuni msemmija personalment dawn kollha rrispondew li mil-lat personali r-rikorrenti ma kellhom l-ebda pretensjoni fil-konfront tal-intimati. Anzi lkoll ikkonfermaw li huma kellhom interess li jhassru d-decizjonijiet li permezz taghhom l-art iddahhlet bhala art zviluppabbli u mhux xi pretensjoni personali kontra l-intimati.

Illi din il-Qorti wara li rat l-atti kollha tqis li ma hemm l-ebda ombra ta' dubju li l-intimati personalment ma ghamlu xejn li jista'

jigi attakkat mir-rikorrenti f'dawn il-proceduri u li l-eghmil attakkat huwa wiehed amministrattiv li huma ghamlu fil-kwalitajiet taghhom rispettivi ta' Chairman tal-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar u membri tat-Tim ta' Verifika. Kieku mhux hekk u l-eghmil attakkat mir-rikorrenti huwa wiehed personali allura lanqas jaqa' li jigi skrutinizzat taht l-artikolu 469 A tal-Kap. 12 li jistharreg eghmil amministrattiv u mhux personali. Il-Qorti ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' it-tieni eccezzjoni ta' Andrew Calleja proprio u t-tielet eccezzjoni tal-intimati Chistopher Ciantar, Simone Borg u Jacques Sciberras proprio u tilliberahom personalment mill-osservanza tal-gudizzju tal-kaz odjern.

**Preskrizzjoni:**

Illi permezz tat-tielet eccezzjoni tal-Awtorita' ntimata u wkoll permezz tar-raba' eccezzjoni tal-Ministru intimat et tqajjmet l-eccezzjoni li l-azzjoni tar-rikorrenti fil-konfront taghhom hija preskritta fit-termini tal-artikolu 469 A (3) tal-Kap. 12 li jimponi t-terminu ta' sitt xhur mid-decizjoni amministrattiva sabiex tigi ntavolata l-kawza.

Illi f'dan l-istadju l-Qorti tirrileva li aktar il' fuq f'din id-decizjoni, gia` gie deciz li l-unika decizjoni ta' eghmil amministrattiv fil-proceduri odjerni li tista' tigi attakkata direttament fit-termini tal-artikolu 469 A tal-Kap. 12 hija dik tal-20 ta' Lulju, 2006 moghtija mit-Tim ta' Verifika (ara fol. 26 u 27 tal-process).

Dwar dan il-punt, fin-nota ta' sottomissjonijiet taghhom l-intimati Andrew Calleja et jissottomettu kif isegwi:

> ' . . id-decizjoni tat-Tim ta' Verifika tal-Istimi Ambjentali Strategici hija datata l-20 ta' Lulju 2006 u konsegwentament

dan kien jfisser li kull pretensjoni fir-rigward ta' din id-decizjoni kellha tigi intavolata sal-20 ta' Jannar 2007. Jirrizulta li l-azzjoni tar-rikorrenti hija preskritta u dana peress li r-rikors odjern gie intavolat fit-22 ta' Jannar 2007 u cioe iktar mis-sitt xhur dekadenza li tipprovdi l-ligi. Di fatti, jirrizulta li l-ewwel talba attrici stess, tishaq li d-decizjoni ttiehdet nhar l-20 ta' Lulju 2006 u ghalhekk huwa ampjament car li din it-talba hija preskritta. Galadarba t-tieni talba tistrieh fuq id-dikjarazzjoni tal-ewwel talba, tant li t-tieni talba tibda bil-kliem 'Konsegwentement ttiddikjara', l-esponenti jissottometu li din it-talba hija wkoll infondata fil-fatt u fid-dritt .

Fir-rigward tat-tielet u r-raba talbiet, galadarba l-process tal-Pjan Lokali gie ezentat bid-decizjoni tal-20 ta' Lulju 2006 u dan skont ma jirrizulta mid-decizjoni a fol 26 tal-process, jsegwi allura li din it-talba hija wkoll preskritta u ma tistax tigi mistharrga minn dina l-Onorabbli Qorti. L-esponenti jissolevaw illi b'din id-decizjoni, it-Tim ta' Verifika ta' Stimi Ambjentali Strategici, gharaf li l-proces tal-Pjan Lokali mibdi lura fis-sena 1991 u r-Revizjoni Parzjali tal-Pjan ta' Sturrura, kienu process wiehed, u li gie ezentat milli jkun soggett ghall-SCA. Jsegwi allura li t-tielet u r-raba talba ma jistghux jigu mistharrga ghax din id-decizjoni ittiehdet iktar minn sitt xhur qabel ma giet intavolata l-azzjoni odjerna.

Finalment jinghad li l-hames talba hija wkoll infondata u dana peress li din it-talba tistrieh fuq it-tielet u r-raba talbiet li huma preskritti.'

Il-Qorti rat li r-rikorrenti ma ssottomettew xejn dwar din l-eccezzjoni.

Illi din il-Qorti vverifikat li d-data tal-21 ta' Jannar, 2007 kienet il-jum tal-Hadd u ghalhekk f'gurnata meta r-Registru tal-Qrati Civili u Tribunali jkun maghluqa sakemm ma jsirx rikors ghall-ftuh b'urgenza u dan jigi accettat mill-Imhallef tal-Ghassa. Il-kawza giet intavolata l-ghada t-Tnejn meta r-Registru jkun miftuh. Il-Qorti f'dan l-istadju taghmel referenza ghal dak li jinghad fil-kawza fl-ismijiet **Cassar Joseph noe vs. Cavallo Miriam pro et noe** (numru 1742/1995/1) moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-2 ta' April, 2004 kif isegwi:

> 'Kif inhu maghruf it-termini procedurali huma jew legali ossija gudizzjarji, ghax imposti mil-ligi jew gudizzjali, ghax imposti mill-Qorti. Meta ma humiex perentorji z-zmenijiet legali jistghu jigu mgedda kif dispost fl-Artikolu 106 tal-Kapitolu 12; fil-kaz ta' termini gudizzjarji li ma jkunux perentorji dawn jistghu jigu prorogati basta li t-talba ssir qabel ma jiskadi t-terminu.
>
> Issa l-Artikolu 109 tal-Kapitolu 12 irid jinqara unitament ma' l-Artikolu 108 ta' l-istess Kapitolu li jippreskrivi wkoll illi "jekk l-ahhar jum ta' xi terminu legali jew gudizzjarju jkun xi jum minn dawk ('is-Sibt jew granet ta' vakanzi pubblici'), it-terminu ghandu jitqies li jiskadi fil-jum li jigi minnufih wara li ma jkunx wiehed minn dawk il-jiem." Li jfisser illi meta l-ahhar gurnata tinzerta li mhix gurnata tax-xoghol allura t-terminu jaghlaq fl-ewwel gurnata tax-xoghol li jkun imiss u fil-hin li jaghlaq ir-Registru.'

Il-Qorti rat l-artikolu 108 tal-Kap. 12 li jaqra kif isegwi:

> **'108.** Il-jiem imsemmija fl-artikolu li jaħbat minnufih wara

dan ma jissospendux it-termini; iżda jekk l-aħħar jum ta' xi terminu legali jew ġudizzjarju jkun xi jum minn dawk, it-terminu għandu jitqies li jiskadi fil-jum li jiġi minnufih wara, li ma jkunx wieħed minn dawk il-jiem.'

Rat ukoll l-artikolu 102 tal-istess Kap li jaqra kif isegwi:

'**102.** Meta ż-żmien legali jew ġudizzjarju għandu jibda jgħodd minn ġurnata stabbilita, dik il-ġurnata ma tingħaddx bħala mdaħħla f'dak iż-żmien; u meta ż-żmien jingħadd bis-sigħat, ma tingħaddx bħala mdaħħla s-siegħa li fiha ssir in-notifika.'

Illi b'applikazzjoni tal-artikoli suesposti, jirrizulta lill-Qorti li l-kawza odjerna giet prezentata ezatt fl-ahhar jum li setghet tigi validament prezentata sabiex tigi attakkata d-decizjoni tat-Tim ta' Verifika datata 20 ta' Lulju, 2006. Id-decizjonijiet l-ohra attakkati sehhew wara u jigu data entro s-sitt xhur terminu stante li saru wara l-20 ta' Lulju, 2006 (minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gie decizi aktar il' fuq) u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad l-eccezzjonijiet tal-intimati dwar il-preskrizzjoni.

**Mertu:**

Illi ezawriti u decizi l-eccezzjonijiet preliminari l-Qorti ser tghaddi sabiex tikkunsidra l-provi fil-mertu.

Rat a fol. 79 *et seq* ix-xiehda tal-intimat Andrew Calleja datata 25 ta' Settembru, 2008 li kien jokkupa l-kariga ta' Chairman tal-Bord tal-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar bejn Novembru 2001 u Gunju 2008. Fl-aktar partijiet rilevanti tax-xhieda tieghu huwa jsostni li:

'Il-pjanijiet lokali kellhom jaghmlu revizjoni ta' l-ippjanar kollu taz-zona tal-izvilupp u jikkonsidraw wkoll l-inkluzjoni ta' areas li kienu inqabzu meta saru it-temporary provision schemes.' (fol. 82)

A fol. 87 jinsisti li dan kien process wiehed izda imhabba li l-ligi fl-artikolu 27 u 18 sa 22 tal-Kap. 356 taghti kompetenzi differenti bejn il-ministru u l-parlament, l-approvazzjoni taghhom kellha tinqasam b'dana li l-Pjanijiet Lokali jigu approvati mill-Ministru filwaqt li z-zoni ta' razzjonalizzazzjoni jigu approvati mill-Parlament.

A fol. 88 jinsisti li l-process ta' razzjonalizzazzjoni nbeda qabel zmienu (qabel is-sena 2001) u dejjem kienet mahsuba bhala process wiehed u minn dejjem mahsuba fil-process tal-pjan lokali.

A fol. 88 tal-process jispjega x'kienet l-ghan tal-ittra (esebita a fol. 24 u 25 tal-process) li bghatet l-Awtorita' sabiex it-Tim ta' Verifika tal-Istimi Ambjentali Strategici jezenta l-process milli ssir Stima Abjentali Stragika (STA) qabel ma jigi approvat. Jghid li fiha ma kien hemm l-ebda talba izda gie ndikat lit-Tim li l-Pjanijiet, inkluz ir-razzjonalizzazzjoni, stante li kien ilhom li bdew u cioe' qabel il-21 ta' Lulju 2004, allura kienu ezentati mill-applikazzjoni tar-regolament.

Tkompli x-xiehda tieghu a fol. 92 *et seq* tal-process fejn l-intimat Andrew Calleja jaghti spjegazzjoni tal-iskop tal-Pjan ta' Struttura u l-kontenut tat-'Temporary Provision Schemes' li kienu l-uniku pjanti dettaljati ta' fejn huwa barra miz-zona ta' l-izvilupp u fejn hu gewwa, qabel l-approvazzjoni tal-Pjani Lokali. Isostni li l-pjanijiet lokali rrevedew kollox, anke zoni li m'humiex barra miz-zona ta' zvilupp. Jinsisti li l-process ta' razzjonalizzazzjoni kien process wiehed mal-process tal-Pjani Lokali. Skont l-intimat, li

kien qed jixhed fis-sena 2008, dan il-process ta' razzjonalizzazzjoni kienu ilu sitt snin jinhema.

A fol. 95 l-istess intimat Andrew Calleja jixhed li l-irwol tal-Awtorita' fir-riforma:

'Fil-kazijiet li kienu artijiet li ma kienux fiz-zona ta' l-izvilupp u gew inkluzi, dak kull ma ghamlet, identifikathom biss, limitu taz-zona jigifieri u ma dahlitx fl-ispecifics ta' kif ghandha tigi zviluppata. Dak kien thalla ghal wara l-process normali ta' PC applications. Qed nigi mistoqsi wara l-approvazzjoni ta' 2006 ghaliex il-MEPA ddecidiet li z-zoning isir permezz ta' PC application nghid illi dan huwa xhieda li ghall-MEPA kien process wiehed. Imbghad taqa' bil-process normali tal-PC application'.

Rat a fol. 106 *et seq* id-dokument li jgib l-isem **'Cabinet feedback to Malta Environment and Planning Authority on Local Plans – Rationalisation of Development Boundary: Setting up Criteria for Inclusion Group 1 and Group 2'.** Permezz ta' dan id-dokument il-Kabinett ra li kien hemm bzonn li tigi moghtija lista ta' kriterji li a bazi taghhom jekk jikkwalifikaw certu zoni kellhom jiddahhlu fiz-zona ta' zvilupp. F'dan l-istess dokument il-Kabinett iddistingwa bejn dawk hekk imsejjha 'infill pockets' ta' art li fuq tlett nahat minnhom kienu gia jmissu ma' zvilupp u artijiet ohra li ma jaqbzux fid-daqs *area* ta' circa 17,000sq.m. Tnizzlu wkoll kriterji specifici ghall-Gzira ta' Ghawdex.

Sfortunatament il-kopja esebita fl-atti ma tidhirx li ghandha data ghalkemm zgur saret qabel Mejju 2006, stante li fl-ahhar pagna taghha u li hu ta' rilevanza ghall-kaz odjern taqra kif isegwi:

'It is proposed that MEPA is to initate the process for a partial structure plan review on 15 May 2006. MEPA launches a public consultation exercise whereby the sites to be released for development are published together with the criteria upon which those sites were based.

An extensive public consultation **<u>was already</u>** carried out as part of the local plan process. As such therefore, the focus of the public consultation on the structure plan review will be for those who have already made submission in the Local Plan process to comment on the scheme rationalization that is being proposed. Submission for sites for which no previous submission was ever received will not be considered for inclusion within the development boundary.' (fol. 114*) emfasi tal-Qorti*

Il-Qorti rat a fol. 116 *et seq* partijiet specifici tal-Pjan ta' Struttura ghall-Gzejjer Maltin datat Dicembru, 1990, filwaqt li tinnota li hija kellha a disposizzjoni taghhha kopja shiha ta' dan id-dokument li huwa dokument pubbliku.

Rat a fol. 123 ix-xiehda tal-Perit Godwin Cassar datata 6 ta' April 2009, li jixhed li kien involut fil-qasam ta' 'town planning' f'Malta sa mis-sena 1987. Jixhed li mis-sena 2003 kien igorr il-kariga ta' Director General fi hdan l-Awtorita' intimata. Fix-xiehda tieghu jidhol fid-dettal ghalfejn l-Awtorita' qieset li kienet obbligata bil-ligi sa mis-sena li gie promulgat l-Att dwar l-Ippjanar fis-sena 1992 sabiex tibda l-process ghall-approvazzjoni tal-Pjanijiet Lokali. Dan fit-termini tal-Pjan ta' Struttura stante li sa dak iz-zmien kien ghad hemm biss approvati Skemi Temporanji u mhux Pjanijiet Lokali. Jixhed li sas-sena 2006 kien hemm biss approvati l-Pjan Lokali ta' Marsaxlokk u tal-'Grand Harbour' filwaqt li kien hemm mibdija

in-'Nort West Local Plan' li skont dan ix-xhud kien l-ewwel pjan li beda x-xoghol fuqu u konsegwentement beda x-xoghol ukoll fuq il-pjani tan-'North Harbours', 'Central, South' u fl-ahhar nett il-Pjan Lokali ta' Ghawdex.

A fol. 127 jixhed kif isegwi:

> 'Niftakar li wara li gie konkluz il-process tal-pjanijiet lokali rega sar process iktar estensiv ta' konsultazzjoni pubblika biex il-pubbliku li kellu xi osservazzjonijiet x'jaghmel fuq dan it-tibdil u tibdil iehor li seta' jsir, kellu l-opportunita li jaghmel dan. Imbaghad gew studjati dawn is-sottomissjonijiet u kien hemm fid-dawl ta' dan il-process, parametri li stipula l-kabinett lill-awtorita sort of bhala filter biex jirrakomanda jew le certu tibdil li ghandu jsir u imbghad sar il-process u mar f'idejn il-parlament . . . Kien hemm process miftuh matul is-snin illi jistghu jissottomettu certu talbiet ghal tibdil fil-bounsaries jew estensjoni tal-boundaries. Imbghad meta l-process kien wasal biex jigi maghluq, rega infetah mill-gdid ghal sottomissjoni pubblika, jigiferi biex nghid hekk l-Awtorita avzat li isma qed isir dan il-view ta' dawn il-boundaries u jekk ghad hemm pubbliku li jixtieq jaghmel sottomissjonijiet issa hemm din l-opportunita u l-pubbliku rega rrisponda. Meta dak il-process ghalaq, saru r-rakomandazzjonijiet li deherilha xierqa li ghandha taghmel l-Awtorita' fuq dawk is-sottomissjonijiet. Din it-tieni konsultazzjoni ghall-pubbliku saret fis-sena 2006 izda ma niftakarx ix-xahar.'

A fol. 129 xehed:

> 'Nghid li l-pjan lokali kien ser japprovah il-Ministru. Dawn il-proposti fuq il-boundaries ta' l-izvilupp ma ncedewx fuq il-pjanijiet lokali fis-sens li l-pjan lokali serta' japprovah il-Ministru bl-awtorita li taghtih il-ligi u t-tibdil li sar u li kien qed jigi propost fil-boundaries ta' l-izvilupp ried jigi approvat li skond il-ligi jrid jigi approvat mill-parlament.'

Rat a fol. 131 *et seq* ix-xiehda ta' Joseph Gauci, Unit Manager Forward Planning fi hdan l-Awtorita' intimata fejn esebixxa fl-atti permezz ta' CD l-pjanti li tressqu mill-Awtorita' intimata ghall-approvazzjoni tal-Parlament izda ma setax jesebixxi l-pjanti finali kif approvati. Hu jixhed fid-dettal dwar il-process tal-Pjan Lokali u jispjega li fil-'public consultation' fuq il-Pjani Lokali dahlu hafna talbiet sabiex diversi zoni jidhlu fil-pjan ta' zvilupp. Jghid izda li legalment il-Pjan Lokali wahdu ma kellu l-ebda sahha li jdahhal art fiz-zona ta' zvilupp izda seta biss jirrakomanda u ghalhekk inbeda l-process taht il-Pjan ta' Struttura hekk imsejjah ta' razzjonalizzazzjoni. Fil-fatt jispjega li sa mis-sena 1995 saru rakkomandazzjonijiet fil-Pjan Lokali ta' Marsaxlokk approvat sabiex certu zoni jidhlu fiz-zona ta' zvilupp. Jenfasizza wkoll li l-'memo' tal-kabinett kien car li dan il-process ta' 'partial structure plan revieu kien kontinwazzjoni tal-process tal-Pjan Lokali.

A fol. 134 *et seq* jenfasizza li tant kien hemm talbiet sabiex bosta siti jidhlu ghall-izvilupp fil-process tal-Pjan Lokali (eluf) li kien ghalhekk li saret komunika lill-Gvern sabiex jaghti direzzjoni kif kellhom ikomplu jigu kkunsidrati dawn it-talbiet. A fol. 136 jghid li kien hemm hamest elef u mitejn (5200) talba.

A fol. 141 tkompli x-xiehda ta' Joseph Gauci datata 3 ta' Gunju 2009. Fl-atti jiprezenta ritratti mill-ajru li juru iz-zoni identifikati kemm mill-pjan lokali kif ukoll mill-process ta'

razzjonalizzazzjoni. Dawn il-pjanti jgibu d-data ta' Lulju, 2006 u huma ndikati bhala 'indicative only'. Mix-xiehda ta' Joseph Gauci l-Qorti fehmet li dawn il-pjanti juru s-siti proposti biex jidhlu bhala zviluppabbli, wara li sar l-ezercizzju skont il-'Cabinet memo' u wara li nghalqet il-konsultazzjoni pubblika li nfethet f'Mejju 2006.

Rat a fol. 157 *et seq* tal-process ix-xiehda ta' Francis Mallia li beda jgorr il-kariga ta' Assistent Direttur 'Forward Planning' mis-sena 2007. Dwar l-artikolu 27 tal-Kap. 356 isosnti li dan jghidlek xi jrid isir minn kif jiskatta l-process tal-Pjan Lokali sa x'hin jigi terminat.

Fil-fatt a fol. 158 jixhed kif isegwi:

> 'Nghid li sa issa hemm 7 pjanijiet lokali. Dawn is-7 pjanijiet lokali jkopru t-teriritorju kollu. Nghid kif jigi skattat il-process ta' kif isir il-pjan lokali nghid li johrog mill-ligi, mill-artikolu 27 u hemm hekk ghandek il-process indikat. Minn x'hin jibda sakemm eventwalment jigi approvat. L-ewwel ikollok l-approvazzjoni ministerjali biex jiskatta l-process, tohrog ghal perjodu fejn ma jkollokx inti, tohrog l-ogggettivi ta' x'intervent tkun ser taghmel, ghandek perjodu ta' konsultazzjoni pubblika. Ovjament f'dak il-perjodu tista tircevi jew ma tircevix sottomissjonijiet mill-pubbliku. Tigbor dawk is-sottomissjonjiet. Tara x'ghandek bzonn tibdel u kif ser tikontribwixxi ghat-tfassil tal-policy. Imbghad jiskatta t-tieni fazi. It-tieni fazi hija fejn inti ser tohrog ghall-konsultazzjoni pubbkilka pero din id-darba ser ikollok abbozz f'idejk. Din id-darba ghandek perjodu minimu ta' 6 gimghat ghall-konsultazzjoni pubblika. Meta jaghlaq il-perjodu li jista' jkun 6 gimghat jew gieli kien iktar, tista' tghid li fil-pjanijiet lokali kien dejjem iktar, imbghad

terga titla il-MPEA board b'xi emendi li dejjem tista' tghid jirrizultaw minn dak li jkun gara fil-konsultazzjoni pubblika, tigi approvata mill-MEPA board u imbghad tghaddi ghall-endorsement ministerjali. Qed nigi mistoqsi meta jintervjeni l-Ministru nghid li fl-ahhar meta jigi biex jiffirma.'

A fol. 160 l-istess xhud ikompli li f'Mejju 2006 il-hames pjanijiet lokali li kienu ghadhom mhux approvati kienu fi stadju ta' finalizazzjoni. A fol. 161 jsostni li z-zoni ta' razzjonalizazzjoni gew approvati qabel ma gia approvat il-pjan lokali relattiv ghaz- zona partikolari.

A fol. 168 C jsostni li s-siti ndikati biex jidhlu fiz-zona ta' zvilupp permezz tal-procedura ta' razzjonalizzazzjoni xorta kienu parti mill-Pjan Lokali u dan bhala appendici ghall-istess. Ghalhekk skont dan ix-xhud dawn kienu parti mill-istess Pjan Lokali izda murija f'parti diversa tal-Pjan.

A fol. 191 D jispjega li:

> 'Kien hemm xi pjanijiet lokali, per ezempju pjanijiet lokali ta' Ghawdex li dawk tindikahom fil-policy map ghax kellu hafna adjustment li kienu zghar. Ma kienx jaghmel sens li taghmilhom separati. Pero pjanijiet lokali ohra dak iz-zmien **pero wiehed kien diga aware li qed isir rationalization exercise**, inghatat direzzjoni mill-MEPA board li mapep li qed jipproponu biex ma jkunx hemm konfuzjoni wara, mapep li qed jigu proposti bhala addizzjoni ghall-iskema ta' l-ziviupp, dawk intwerew b'mod separat. F'diversi pjanijiet lokali dawn qed jidhru f'appendici u mhux qed jidhru mal-policy maps.' *(enfazi tal-Qorti)*

A fol. 207 E tkompli x-xiehda ta' Francis Mallia fejn isostni li kien diga sar ezercizzju dwar liema artijiet kellhom jizdiedu maz-zona ta' zvilupp u jsostni li l-procedura ta' 'rationalization' kienet imbghad il-kontinwazzjoni tal-process tal-pjanijiet lokali.

A fol. 191 A xehed Roderick Galdes nhar it-8 ta' Frar, 2010 fejn filwaqt li rrileva li dak iz-zmien kien membru tal-kamra tad-deputati fuq in-naha tal-opposizzjoni izid li kien membru tal-Kumitat ghall-Affarijiet ta' l-Ippjanar u l-Izvilupp liema kumitat skrutinja u approva iz-zoni li kellhom jigu nkluzi permezz tar-razzjonalizazzjoni. Jixhed ukoll li l-opposizzjoni ta' dak iz-zmien kienet ivvutat kontra.

Rat a fol. 193 l-Avviz Legali 71 tas-sena 2007 li jikkonsisti f'Regolament ta' l-2007 dwar l-Ippjanar ta' L-Izvilupp (Procedura Ghal Modifiki Minuri ta' Pjanijiet Sussidjarji.' Dan l-avviz legali jidhol f'aktar dettal mill-Kap. 356 dwar ir-rekwiziti necessarji sabiex tigi ntavolata 'Planning Control Application'.

A fol. 207 A xehed il-Perit Charles Buhagiar nhar it-12 ta' April 2010, li wkoll kien membru fil-kamra tad-deputati fuq in-naha tal-opposizzjoni fiz-zmien koncernat u kien membru tal-Kumitat ghall-Affarijiet ta' l-Ippjanar u l-Izvilupp liema kumitat skrutinja u approva z-zoni nkluzi permezz tar-razzjonalizazzjoni. Hu jispjega kif imxiet il-procedura quddiem il-Kumitat li approva jew le l-pjanti kif proposti. Skont l-istess xhud il-fatt li dawn iz-zoni jigu inkluzi fl-iskema awtomatikament ma jfissirx li ser jinbnew. Jghid li skont l-istatistika miktuba 54% miz-zoni nkluzi hargu mill-Pjan Lokali u l-bqija skont il-kriterji tal-kabinett, kienu miktubin. Izid li dawn kienu approvati fil-kumitat permezz ta' vot.

A fol. 211 xehed ir-rikorrenti Alex Vella nhar is-16 ta' Gunju, 2010. Hu jghid li kien is-segretarju tar-Ramblers Association Malta. Jixhed dwar laqgha li bhala assocjazzjoni kellhom mal-Ministru ntimat f'Gunju, 2006 fejn gie spjegat lilhom it-tlett (3) ragunijiet ghall-inkluzjoni taz-zoni permezz tar-razzjonalizzazzjoni:

> 'Il-Ministru elenka tliet kriterji, wahda ried jikkoregi l-anomaliji u l-ingustizzji li qal li kien hemm. It-tieni wahda kien li kien hemm certu pockets li fil-boundaries ezistenti li ried jikkoregi u kien hemm anke domandi ghal konsiderazzjoni biex jigu inkluzi artijiet li kienu they border the existing boundaries. U t-tielet kriterju kien li l-gvern kellu certu artijiet li xtaq jinkludiehom ghal raguni li xtaq jistabbilizza l-prezzijiet ta' l-art b'hekk billi jzid art ghal bini u fl-istess hin he raises government funds.' (ara fol. 212)

Il-Qorti rat li gew prezentati l-minuti ta' din il-laqgha a fol. 224 u 225 tal-process. Jzid li fit-23 ta' Gunju, 2006 kitbu lid-Direttur tal-Planning b'kopja tal-ittra tinsab esebita fol. 226 tal-process fejn l-ghaqda emfassizat in-nuqqas ta' qbil taghha ma' dak propost u nsistiet li l-procedura kellha tigi abbandunata u l-process jerga' jinbeda.

A fol. 216 xehed Dr. Joseph Ellis avukat tar-rikorrenti fejn sostna li ghamel ezercizzju sabiex jidentifika kemm dahlet art fiz-zona ta' zvilupp permezz tal-ezercizzju ta' razzjonalizzazzjoni kif isegwi:

> ' . . . s-siti li gew jikkwalifikaw fil-memo tal-cabinet jammontaw ghal 625 tomna mentri is-siti li gew adottati mill-pjanijiet lokali dawk huma jammontaw ghal 981 tomna. L-istanding committee zied 146 tona ohra mentri dawk is-siti li gew proposti mill-MEPA board, barra mill-ambitu tal-pjan

lokali, jigifieri dawn huma proposti tal-MEPA board li ma kienux gew integrati fil-proposti tal-pjani lokali. U hemm 8 tmim ohra ta' Bragg.'

A fol. 219 xehed permezz ta' affidavit Paul Lino Bugeja fejn sostna li l-laqgha mal-ministru saret nhar il-15 ta' Mejju, 2006.

A fol. 221 xehed permezz ta' affidavit Anthony Ellul li jsostni li huwa ex impjegat fil-MEPA u xehed dwar kif giet estiza l-iskop tal-'Planning Control application' permezz tal-Avviz Legali 71:

'Fir-rigward ta' dawk is-siti li gew inkluzi fiz-zona ta' l-izvilupp bhala parti mir-Revizjoni Parzjali tal-Pjan ta' Struttura illi ghaddiet mill-Parlament f'Lulju 2006 u li gew sussegwentement ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern fis-27 ta' Frar 2007, ma setghet tintefa' l-ebda applikazzjoni ghall-izvilupp ta' dawn l-artijiet qabel ma dawn is-sit jigu pjanati b'mod komprensiv. Sabiex dawn is-sit setghu jigu pjanati b'mod komprensiv, kien mehtieg li titfassal procedura f'dan ir-rigward u din il-procedura giet imfassla permezz ta' Avviz Legali 71 tas-sena 2007. Dan l-avviz legal estenda l-procedura fir-rigward tal-*pc application* li kienu jsiru qabel sabiex tinholoq procedura fir-rigward ta' dawn is-siti l-godda sabiex iwassal ghall-ippjanar taghhom b'mod komprensiv.

Meta nghid ippjanar kompresiv ta' dawn is-siti, jien jifhem it-tfassil ta' toroq, jigifieri jigu stabiliti *street alignments* u jigi determinat iz-*zoning* ta' dawn is-siti kif ukoll jigi stabiliti l-gholi tal-bini. B'din il-procedura, qed jigu stabbiliti ghall-ewwel darba l-parametri li jirrigwardaw l-izvilupp ta' dawn is-siti l-godda.'

A fol. 231 xehdet l-intimata Dr. Simone Borg nhar is-26 ta' Ottubru 2010. Sostniet li s-SCA Audit team cioe' it-Tim ta' Verifika li hareg l-ittra in kontestazzjoni datata 20 ta' Lulju, 2006, gie stabilit fis-sena 2006. A fol. 232 tixhed:

> 'Mistoqsija dwar rationalization cases nghid li l-process kien diga beda. Kienet harget il-ligi u l-MEPA minhabba li harget il-ligi hasset li she has to submit dan il-plans and programme scheme, dan il-process quddiem l-Awtorita ta' l-SCA biex naraw jekk hemmx bzonn ta' SCA. Mhux huma biss imma kien hemm diversi ohrajn dak iz-zmien. Imma huma kienu minn ta' l-ewwel. Ghax kienet ghadha tohrog fil-fatt il-ligi. Qed nigi murija fol 24 sa 27 tal-process, nighd kienet intbghatet korrispondenza pero li niftakar zgur li konna ghamilna session u naghtuhom ic-cans jigu u jaghmlu r-rapprezentanza taghhom. Huma jaghmlu l-kaz quddiemna. Imbaghad ahna we deliberate wara li jitilqu. Nistaqsuhom xi mistoqsijiet jekk id-dokumenti forsi ma jkunux juru kollox u wara niddeciedu. Ahna konna naraw il-pjan. Ahna konna noqghodu kemm fuq il-ligi taghna u kemm anke d-dir
ettiva biex ma jkunx hemm xi haga li tahrabilna ghax peress li d-direttiva tkun superior jekk ikun hemm xi diskrepanza, konna nghidu ahjar narawhom it-tnejn. Imma ma konniex insibu diskrepanza. . . . . U fil-kaz ta' dan il-kaz ghamilna l-istess. L-iktar punt kien li it was an exempt process ghax id-data kienet parikolarament meta sar il-process kien diga beda qabel id-driettiva titolbok li you require an SCA. Dik kienet wahda mir-ragunijiet. That was the reason I remember most imma kien hemm diversi argumenti ohra. Issa, il-ligi jekk niftakar sew tghidlek the first preparatory act. Issa kien hemm informazzjoni meta

beda l-process u documentation u consultation period etc u allura ovvjament it was documented illi l-process beda qabel certu data u ma stajniex nghidu li mhux hekk ghax hekk kien u kienet tidher cara u ghalhekk konna wasalna ghall-konkluzjoni taghna. . . . Fil-fatt anke l-ECJ dik l-iktar li fuqha qablet. . . . . nghid the whole process had been a very long one. It had been going on for a long time . . . anything li beda before 21 st July 2004 ma jaqax. Dik kienet ir-ruling li tghid id-direttiva. U meta ghamlu l-presentation in-nies tal-MEPA, kienu ppruvaw quddiemna dak inhar, we were satisfied bid-dokumenti li wrewna u li qalulna u dak li gie documented illi fil-fatt inbeda qabel . . . il-process niftakar li kienu spjegawh tajjeb hafna u niftakar minn dak li qalu u min dak li vverifikajna ahna wara li telqu, dan ma qbadniex u ddecidejna dak il-hin, ivverifikajna ahna u staqsejna d-domandi, il-process konna rajnieh bhala process wiehed li baqa' ghaddej . . . Jigifieri konna ccekkjajna meta beda l-process u ddiskutejna fuq dak li qalulna u niftakar li konna ddiskutejna jekk ghandniex narawha bhala one process. Dik kienet wahda mill-issues u iva rajnieh li hekk hu ghax fil-fatt ma tistax tifred wiehed mill-iehor. Fl-opinjoni taghna ma kinitx il-kaz li tista' tifred wiehed mill-iehor, nghid illi basically jekk inti ghandek process ta' local plans li kien qed jikkonsidra x'zoni ghandhom ikunu tajbin ghall-izvilupp u x'zoni ohra, different types of zoning u imbghad kien hemm din l-intervent tal-kabinett li kienet continuation taghha. Il-cabinet steered MEPA to do something about it jigifieri u jekk niftakar sew kienu qishom speci il-process kien ilu ghaddej zmien u they wanted li jigu decizi. Allura ma tistax tifred wiehed mill-iehor. Ma tistax tghid illi l-process ghandu jkun, kull forma ta' development planning huwa part and parcel of the local plans. Huma li jiddeterminaw

x'tip ta' zoning ghandu jkun hemm etc. . . Mistoqsija jekk din l-art ghalina kinitx parti mill-estenzjoni tal-pjanijiet lokali, nghid li kif konna qed naraw l-affarijiet dak il-hin, iva dherilna li it is one single thing. Jigifieri ma nistghux niddistingwu bejn il-process tad-drawing up of the local plans u dak li gara wara. It was one whole thing. Dak iz-zmien kont konvinta minn dik id-decizjoni . . . Ir-rwol taghna kien jekk skond il-ligi, li jiddetermina jekk dan il-plan u program kellux bzonn ta' SCA jew le u jieqaf hemm.'.

Rat ix-xiehda tal-intimat Christopher Ciantar a fol. 239 datata 16 ta' Novembru, 2010. Hu jsostni li dak iz-zmien kien direttur responsabbli mill-politika ambjentali u gie mahtur fit-Tim ta' Verifika bhala Chairman. Bhax-xhud ta' qablu jispjega l-funzjoni tat-Tim. A fol. 240 jixhed:

'Jigifieri dan il-process kien ilu jissajjar minn hafna hafna snin u ahna meta gie quddiemna dan il-kaz b'dik l'ispjega li wrejtni anke min-naha tal-MEPA, dherilna li peress li dan il-process kien ilu li beda minn tant snin qabel, ma kienx jaghmel sens u mhux vijabbli li jsir l-SCA ghax kien imwassal, Ghaliex? Ghax bhal ma accennat fil-bidu, l-SCA jinforma il-process meta tibda tfassal il-pjan u l-pjan ghadu qed jitfassal u inti tkun qed taghmel l-istudju ambjentali biex jinfurmaw lil xulxin. Mela dan kien process li kien ilu li beda is-snin. . . . mill-aspett ta' procedura il-gvern u l-MEPA f'dan il-kaz applikat it-transitory clause bhal ma kellha kull dritt taghmel skond il-ligi. Ahna kkunsidrajna dik it-talba u rajna li kienet gustifikata bhala SCA audit team. It-transitory clause kienet pjan li jibda qabel il-21 ta' Lulju 2004 u dan kien beda ferm u ferm qabel u jigi sottomess ghall-process legislattiv qabel sentejn wara dik

id-data, allura l-SCA ma tapplikax u dan kien ezatt li ma japplikax l-SCA. Kienu ferm qabel u l-process legislattiv beda qabel anke id-deadline fir-rigward tal-local plans.'

A fol. 250 jkompli jixhed li:

'Il-kompetenza taghna kienet li naraw jekk il-proces kollu li kien ilu li beda minn zmien ilu, jekk ghandux jigi suggett ghal SCA. U dik id-decizjoni nahseb qeghda cara fl-ittra li qed tirreferi ghaliha li ffirmajt jiena. Il-process li kien process pubbliku, bhal ma diga accennajt kien ilu li beda u allura fl-opinjoni tal-SCA audit team, l-Awtorita talbet li tapplika it-transitory clause. L-SCA audit team kkonsidrat u ma kienx feasable li jerga jibda l-process mill-bidu halli l-SCA jibda minn dak il-perjodu.'

Izid a fol. 252 li:

'Deher li l-process kien ilu li beda bhal ma nerga nghid sa minn zmien 1991 u ddecidejna fuqu . . . Imma jekk kien hemm process, kien hemm consultation, fil-consultation min ried inehhi u min ried izid u l-art dahlet u l-art harget, ahna ma noqghodux nidhlu x'dahal u hareg. Ahna rajna li l-process li kien ilu li beda minn zmien ilu, kien ghadu ghaddej u allura ma kienx vijabbli li jsir SCA fuq il-process. . . Id-decizjoni taghna mhux x'art dahlet u x'art harget. Id-decizjoni taghna hija wahda, li ma kienx vijabbli li jsir SCA ghal process li kien ilu li beda iktar minn 15-il sena. . . **<u>Ghax jekk ghandek process li ilu ghaddej u terga tirrepeti ghal 15-il sena ma tistax tibdieh mill-bidu biex taghmel SCA halli dak il-process tinfurmah ambjentalment. Il-process kien ilu li beda u d-direttiva taghmilha cara. Ghal processi</u>**

**<u>li kienu ilhom li bdew mhux viajbbli li jsir SCA. Il-membru stat jiddeciedi.'</u>** *(emfazi tal-Qorti)*

Rat a fol. 263 ix-xiehda tar-rikorrent Cedric Mamo li jilmenta li joqghod vicin wahda mis-siti li dahlet ghall-izvilupp u jilmenta f'zieda ta' aktar nies, karozzi u traffiku u tnaqqis fil-valur tal-proprjeta' tieghu. A fol. 265 ir-rikorrenti Anna Bonnett Peplow ukoll tilmenta minn tnaqqis ta' valur tal-proprjeta' taghha fil-Mosta. L-istess a fol. 266 Susan Hanson dwar il-proprjeta' taghha gewwa San Pawl tat-Targa filwaqt li tilmenta wkoll li ser tonqsilha l-veduta. Fuq l-istess linja a fol. 277 jixhed Martin Vassallo li ghandu l-proprjeta' gewwa Swatar, l-istess a fol. 278 Peter Paul Said. Fuq l-istess linja xehdu Ruth Gauci, Stephen Gatt, Victor Seguna, Rose Muscat, Pio Muscat u Carmen Abela li lkoll ghandhom proprjeta' fil-Mosta, David Pullicino, Marco Spiteri, Karmenu Mifsud, Antoine Azzopardi u John Muscat li ghandhom proprjeta` l-Imsida u s-Swatar. Emmanuel Montebello jressaq l-istess ilmenti izda fuq proprjeta' li tinsab gewwa Hal Qormi. Norman Grech a fol. 585 ukoll iressaq l-istess ilment dwar id-deprezzament tal-proprjeta' wara li kellu u biegh proprjeta fl-Iklin. A fol. 669 xehed ir-rikorrent Kevin Muscat li ghandu proprjeta' fi Triq il-Qares fil-Mosta li jixhed li huwa fetah il-kawza biex jiehu kumpens ghat-tnaqqis fil-valur tal-proprjeta.

Fuq l-istess linja ta' xiehda u cioe' fejn ir-rikorrenti lkoll jilmentaw mit-telf tal-veduta u d-deprezzament tal-proprjeta` taghhom jixhdu Mark Cassar a fol. 636 li jghid li l-proprjeta` tieghu tinsab fil-Mosta, l-istess Mark Bartolo (fol. 639), Marco Galea (fol. 641, Manuel Bugeja (fol. 643), Mario Mifsud (fol. 6470 u martu Maria Misud (fol. 651) u Maria Pizzuto (fol. 657) li lkoll ghandhom proprjeta' fil-Mosta. Il-Qorti rat izda li minn dawn ix-xhieda rrizulta li zona partikolari fil-Mosta ghalkemm kien inbeda l-

iskavar fiha, konsegwenti ghall-inkluzjoni taghha bhala art zviluppabbli, ix-xogholijiet twaqqfu ghal ragunijiet arkeologici. Fil-fatt jirrizulta sal-lum li parti sostanzjali minn din iz-zona baqghet ma gietx zviluppat. Dan jirrizulta wkoll mill-'Planning Control Application' u l-pjanti ndikati fiha a fol. 706 *et seq* tal-process).

Il-Qorti tqis li hu ta' rilevanza li bosta minn dawn ir-rikorrenti, in kontro-ezami, gew mistoqsija jekk interponewx oggezzjoni ghall-'Planning Control applications' sottomessi konsegwentement ghal din il-kawza, dawn ir-rikorrenti lkoll irrispondew li ma ntavolaw l-ebda oggezzjoni, fosthom ir-rikorrent Pio Muscat, Ruth Gatt, Carmen Abela. Sahansitra Louise Mamo in kontro-ezami a fol. 527 ddikjarat li la bnew ma kienx ghad ghandha nteress.

Jirrizulta izda li uhud mir-rikorrenti li sabu ruhhom f'din il-kawza stante li huma lkoll residenti ta' Triq Mario De Vasi fil-Mellieha, ghall-kuntrarju tar-rikorrenti l-ohra, ma strahux biss fuq il-proceduri odjerni izda wkoll ntavolaw l-oggezzjoni taghhom ghall-'Planning Control application' ntavolata sussegwentement fuq l-art li qed jimmilitaw sabiex ma tigix zviluppata. Dan kollu jirrizulta minn, fost ohrajn, l-affidavit ta' Michael Buhagiar a fol. 279 *et seq* tal-process. F'dan l-affidavit huwa spjega kif quddiem ir-residenza tieghu u ta' diversi rikorrenti ohra li joqghodu fl-istess triq hemm zona li sa llum jidher li ghada 'green area' maghrufa bhala Ta' Brag. A fol. 518 *et seq* pprezenta diversa dokumentazzjoni fejn ir-residenti kollha jidher li nghaqdu sabiex sa mill-bidu joggezzjonaw li din iz-zona tigi zviluppata b'emfazi kbira saret fuq l-isfregju ambjentali tas-sit f'kaz li l-izvilupp jigi awtorizzat. Fost ohrajn fl-affidavit tieghu Michael Buhagiar isemmi hitan tas-sejjieh protetti, sigar tal-harrub, sigar taz-zebbug, bjar, kanali tal-ilma u wkoll insetti. Jirrizulta kif inghad mill-atti li

dawn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-'Planning Control application' fuq din iz-zona, u kuntrarju ghal dak dikjarat fl-atti minn Dr Ian Borg ghan-nom tal-Awtorita ( ara fol. 526 ergo), fl-atti gie prezentat dokument li juri li din il-'Planning Control application' giet rifjutata fit-13 ta' Marzu 2019 ghar-ragunijiet li jsegwu:

> 'further studies are required to establish the impact of any development on site on a number of procted species and old maquis trees present within the area and the ecology of the surrounding area'. (esebit a fol. 818 tal-process)

Il-Qorti rat li x-xiehda ta' Michael Buhagiar giet sopportata mix-xiehda tar-rikorrent Joseph Vella a fol. 579 u fil-kontro-ezami tieghu u minn Nadine Calleja a fol. 599.

Il-Qorti rat ukoll l-affidavit ta' Philip Cutajar a fol. 292 tal-process li spjega li l-art li ddahhlet fiz-zona ta' zvilupp maghrufa bhala Tal-Papa f'Birzebbugia tikkonsisti f'barriera li giet rikonvertita f'raba saqwi u jispjega wkoll li fiha hemm sistema ta' hazna ta' ilma unika ghal Malta u li jehtieg li tigi protetta. Jghid ukoll li fl-istess zona hemm zring endemiku ghall-gzejjer Maltin u dan ghandu jigi protett. Fil-kontro ezami (fol. 478) jispjega li bhala oggezzjoni li din l-art tigi zviluppata hu ghamel din il-kawza. A fol. 293 gie ntavolat ukoll affidavit ta' hu r-rikorrenti precedenti u cioe' ta' Peter Cutajar li jikkonferma l-istess li xehed huh. In kontro-ezami jsostni li hu jinteressah biss li jsalva l-barriera mill-izvilupp. Fil-kontro-ezami tieghu a fol. 847 *et seq* jerga jenfasizza l-valur ambjentali u storiku tal-post.

Dwar dan is-sit partikolari tressqu fl-atti provi ulterjuri. A fol. 844 tal-process Lucienne Pace terga tenfasizza fuq il-valur ambjentali

taz-zona tal-Papa gewwa Birzebbugia fosthom semmiet is-sigar, il-gibjun tal-ilma, xelters tal-gwerra kif ukoll l-ezistenza ta' speci ta' zring bl-isem ta' 'painted frog'. Tenfasizza li dan huwa post uniku f'Birzebbugia.  Tinsisti li l-interess taghha hu li din iz-zona tigi protetta.

A fol. 849 gie prezentat rapport ambjentali fuq iz-zona tal-Papa liema rapport jissostanzja l-valur ambjentali u storiku tas-sit in kwistjoni. A fol. 859 gie wkoll prezentat 'Survey of Water Harvesting Structure at quarry at Tal-Papa, B'Bugia' li fil-konkluzjoni tal-Inginier Marco Cremona li rredigih jaqra kif isegwi:

> 'It is my opinion that the water harvesting structures at the quarry at Tal-Papa are of high hydrological interest and therefore deserve protection.
>
> I would go as far as to suggest that the water management practices developed by these farmers be actively promoted by the Department of Agriculture as a model of sustainable water management, especially among those farmers who are cultivating agricultural land within quarries.
>
> Furthermore, the water harvesting system at Tal-Papa is alleviating the problem of flooding at the flood-prone junction at Triq iz-Zibra in Birzebbugia.'.

Rat a fol. 295 *et seq* tal-process id-diversi pjanti li ghaddew minn taht l-iskrutinju tal-'iStanding Committee on Development Planning Process' li jgibu d-data ta' Lulju 2006 minn fejn wiehed jista jidentifika z-zoni mizjuda mill-Pjan Lokali u dawk proposti li jidhlu bl-iskema ta' razzjonalizzazzjoni, liema zoni jintgharfu

skont il-kulur u l-marki li taghhom hemm spjegazzjoni fit-tarf ta' kull pjanta.

Rat a fol. 336 *et seq* il-Minuti ta' Laqghat tal-Kumitat permanenti ghall-Ippjanar u l-Izvilupp datati bejn it-12 ta' Lulju 2006 u 18 ta' Lulju, 2006 fejn jirrizulta li dan il-Kumitat ra u ddecieda permezz ta' vot fuq kull pjanta kif proposta u mressqa quddiemu mill-Awtorita' tal-Ippjanar.

Rat a fol. 308 ittra ndirizzata lil Astrid Vella, Alex Vella u Edward Mallia fil-vesti taghhom ta' rapprezentati tal-ghaqdiet Flimkien ghal Ambjent Ahjar, Ramblers' Assocation Malta u Friends of the Earth liema ittra ggib id-data tat-23 ta' Marzu, 2010. Jirrizulta li dawn l-ghaqdiet, apparti l-kawza odjerna kienu wkoll talbu li jinfethu 'infringement proceedings' kontra Malta ghall-allegat ksur tad-Direttiva 2001/42/ EC u cioe' l-istess Direttiva li llum tinsab taht l-iskrutinju ta' din il-Qorti. Il-Qorti tqis li l-kontenut ta' din l-ittra ghandu jigi riportata f'din id-decizjoni kif isegwi:

> 'I inform you that on 18 March 2010 the Commission decided to close the infringement proceeedings that it had previously initiated against Malta for the alleged failure to comply with obligations under the SEA Directive in this case.
>
> Following a detailed analysis of all the available information, the Commission has been unable to conclude a breach o the SEA Directive. In particular, the Commission did not have sufficient evidence to conlude that the so-called 'rationalisation exercise' was a stand-alone procedure, independentent of the local plan processes, which should

have been made subject to an environmental assessment according to the requirement of the SEA Directive.

It should be noted that the Commission's services had several discussion on this issue with the Maltese Governmnet which ahs constantlu maintained throughout the procedure that the "rationalisation exercise" was an integral part of the local plan processes. In this context, the Maltese Government has always stated that all the local plans include and incorporate all the '"rationalization sites" which were identified as extending the development boundaries. The Commission did not have conclusive evidence to impugn this statement.

As regards the local plan processes, the Maltese Government indicated that the first formal preparatory act of each local plan had commenced before 21 Julu 2004. It is also understood that all the local plans were approved by the Malta Environment and Planning Authority (MEPA) and were submitted to the legislative procedure for adoption either by the responsible Minsiter or by the Parliament (with regard to those sections that expanded on the aim of the Structure Plan) before 21 July 2006.

Therefore, the Commission has concluded that, pursuant to Article 13 (3) of the SEA Directive, the requirement under Article 4 (1) to undertake an environmental assessment was not applicable in this case.

Finaly, the Commission also understands that there is a parallel legal proceeding pending before a Maltese court on the issue of the rationalization exercise and its connection

with the local plan processes. In this context, it is important to note that the Commission is increasingly relying on national judges to enforce EU environmental law. National court proceedings are part of the implementation process in Member States which may lead to resolution of a grievance brought to the Commission. Therefore the Commission generally refrains from pusuing infringement proceedings where there are parallel proceedings pending before national courts on the same issue.'

Din l-ittra hija ffirmat minn J. Garcia Burgue's (Head of Unit).

Dwar il-konkluzjonijiet f'din l-ittra xehed a fol. 769 A *et seq* tal-process Ingram Bondin in rapprezentanza tar-Ramblers Association fejn jispjega li giet intavolata l-kawza mill-assocjazzjoni kontra l-process ta' razzjonalizzazzjoni ghaliex skontu sar hazin. Mistoqsi dwar l-ittra tal-Kummissjoni suesposta jaqbel li l-Kummissjoni ma sabitx bizzejjed provi li jevidenzjaw li l-process tal-Pjan Lokali u tar-razzjonalizzazzjoni kienu zewg processi separati. Jaqbel ukoll li l-Kummissjoni ddecidiet li ma kienx hemm il-bzonn tal-istudju ta' mpatt ambjentali.

Rat a fol. 319 *et seq* tal-process il-kopji ta' numru ta' artikli ppubblikati f'gazzetti lokali li lkoll jitrattaw il-process ta' razzjonalizzazzjoni liema artikli jgibu d-dati tal-25 ta' Gunju 2006, 2 ta' Lulju, 2006, 9 ta' Lulju, 2006 u 20 ta' Lulju, 2006 u rat ukoll il-kontenut tal-istess.

Rat id-diversi istanzi fejn xehed Oliver Magro in rapprezentanza tal-Awtorita' ntimata. A fol. 405 huwa jesebixxi dokument li jindika l-process tal-Pjani Lokali meta beda u liema huma. Id-dokument jindika li l-process fuq il-pjani lokali beda fis-sena 1991.

Dan id-dokument, li ma jidhirx lil min huwa ndirizzat ghalkemm minn qari tieghu jidher li huwa spjegazzjoni moghtija probabilment lill-Kummissjoi Ewropea, fih gew elenkati r-ragunijiet ghaliex gie deciz li ma jsirx Studju Ambjentali dwar il-process ta' razzjonalizzazzjoni. Partikolarment l-ahhar paragrafu jaqra kif isegwi:

> 'As related earlier, the consultation processes involving each local plan yielded a considerable amount of requests to include land, which is currently outside the development zone (ODZ), within the development zone. Subsequently, Cabinet instructed MEPA to carry out scheme rationalization exercise on the basis of a number of criteria. The scheme rationalization exercise was to apply solely to the sites submitted during any of the above consultations pertaining to the respective local plan processes. The scheme rationalization exercise (which invokes the partial structure plan review legal framework) is deemed to be an extension to the local plan process as it is limited to applying the Cabinet criteria to the requests submitted during the consultation exercise of the respective local plan and not a stand alone exercise. Furthermore, undertaking an SEA for the respective local plans at this late stage was not deemed to continue good practice since the local plans were nearing conclusion in 2006 and it would not have been practicable to conduct an SEA. Conducting an SEA at such a late stage and that any feedback from the SEA at this late stage would in effect translate into re-initiating the whole local planning process which had started way back in 1991. The SEA at this stage would in effect invalidate the considerable volume of work that has been undertaken during all these years.'

L-istess dokument jikkontjeni tabella li turi meta nbdiet il-procedura fuq kull Pjan Lokali partikolari bl-aktar data l' boghod tmur lura ghal April, 1999 u l-aktar recenti Settembru 1999. Skont l-istess dokument fil-21 ta' Lulju, 2006 il-Pjani Lokali kollha kienu approvati mill-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar u ghaddew ghand il-Ministru koncernat ghall-approvazzjoni tieghu.

Rat a fol. 441 tal-process il-lista ta' 'Planning Control applications' ntavolati quddiem l-Awtorita' li giet prezentata fis-seduta tal-24 ta' Settembru, 2015 u ghalhekk turi biss stampa tas-sitwazzjoni sa dik il-gurnata. Ix-xhud Oliver Magro a fol. 468 jsostni li ghal dawn il-'Planning Control applications' ma gew ntavolati ebda oggezzjonijiet u li hadd mir-rikorrenti ma kien 'objector'. Issemmi wkoll partikolarment li r-rikorrenti Alex Vella, li jirraprezenta r-Rambler's Assocation, sahansitra kien wiehed mill-persuni fil-Bord li vvota favur il-'Planning Control applications'. A fol. 674 *et seq* l-istess xhud jaghmel referenza specifika ghal dak il-Planning Control Application li fihom ivvota favur ir-rikorrent Alex Vella (a fol. 608 *et seq* esebixxa minuti f'dan ir-rigward).

Illi fuq linja ta' xiehda diversa a fol. 676 tal-process Oliver Magro jispjega li territorju fiz-zona ta' zvilupp u territorju fiz-zona ta' razzjonalizzazzjoni, wara li tigi approvata l-PC application, ma jibqax differenza bejniethom ikun l-istess u cioe' zvilupabbli l-istess. Jispjega wkoll li kien il-parlament li approva z-zoni ta' razzjonalizzazzjoni izda mbghad sta ghal MEPA jew ghas-sidien li jdahhlu l-'Planning Control application' biex dawn jigu zviluppati. A fol. 666 jidhol fid-dettal dwar x'uzu ghandha applikazzjoni hekk imsejjha ta 'Planning Control. A fol. 678 jinsisti li l-process ta' hidma fuq il-Pjani Lokali kien ilu ghaddej snin ghalkemm jaqbel li saret konsultazzjoni wkoll fis-sena 2006. Dan

ix-xhud jesebixxi diversi applikazzjonijiet tal-'Planning Control' u minn din id-dokumentazzjoni, almenu ghal dak li jirrigwarda l-'Planning Control applications' partikolari ma jidhirx li kienu gew intavolati xi oggezzjonijiet.

Il-Qorti rat izda li f'applikazzjonijiet partikolari, certu zoni nzammew sospizi mill-izvilupp jistennew 'comprehensive Archaeological Study to determine the suitability or otherwise for conclusion' (ara fol. 706 *et seq*).

A fol. 801 ix-xhud Oliver Magro jerga jesebixxi numru ta' applikazzjonijiet 'Planning Control' b'dana li dawn sa dan l-istadju fl-atti gew aggornati sad-data tad-29 ta' Jannar, 2019. Jghid li hu esebixxa dawk li gew approvati izda ghad hemm minnhom li anqas dahlet 'Planning Control application' fuqhom. Ix-xhud gie mistoqsi jixhed dwar applikazzjonijiet li kienu gew rifjutati u kien obbliga ruhu li ser jiccekkja. Jirrizulta izda mill-atti li din l-informazzjoni dwar applikazzjonijiet li setghu giet rifjutati, ghajr dawk li gia semmiet il-Qorti aktar-il fuq, ma tressqitx minn dan ix-xhud.

A fol. 804 jerga jixhed ir-rikorrent Alex Vella li jikkonferma li hu kien membru fil-Bord tal-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar u mistoqsi ghalfejn ivvota favur uhud mill-'Planning Control applications' huwa jiggustifika billi jghid li gieli qabziltu xi wahda u ohrajn kien jivvota favur wara li jara li huma gustifikati. A fol. 814 ikompli jelabora u jghid li fil-bqija dejjem ivvota kontra.

A fol. 810 xehed il-Perit Frans Mallia li xehed fid-dettal dwar il-process ta' revizjoni tal-Pjani Lokali u dwar l-ilment li sar mir-rikorrenti quddiem il-Kummissjoni tal-Unjoni Ewropea. Fil-partijiet l-aktar relevanti tax-xiehda tieghu jixhed kif isegwi:

‘Il-process tar-revizjoni tal-pjanijiet lokali beda immedjatament wara l-pjan ta’ struttura li gie approvat fl-1992 – jekk mhux sejjer zball. Dak immedjatament wara beda l-process tal-formulazzjoni tal-pjanijiet lokali. Sakemm gie ghat-2006 kienu gew approvati sa fej naf jien tnejn. Imbaghad l-ahhar hamsa gew approvati flimkien u kollha gew approvati mill-bord tal-MEPA – dak iz-zmien – sal-21 ta’ Lulju 2006.’

Mistoqsi dwar l-involviment tieghu fil-process tal-ilment quddiem il-Kummissjoi Ewropea jghid li dan kien involviment tekniku u jikkonferma li l-Kummissjoni dak iz-zmien iddecidiet li ma kienx hemm bzonn isir l-SEA. Mistoqsi wkoll jekk saritx xi procedura ohra bhal dik tar-‘rationalization’ wara s-sena 2006 jghid li sa fejn jaf hu, le.

Rat finalment ix-xiehda tal-Perit George Pullicino a fol. 907 *et seq* tal-process, liema xhud kellu jerga jitressaq stante li ntilfet mill-process ix-xiehda tieghu li nghatat lura fis-sena 2011 fi zmien li dan il-kaz kien qed jinstema’ minn din il-Qorti izda diversament preseduta u wkoll minn Assistent Gudizzjarju differenti.

Illi fil-partijiet l-aktar saljenti tax-xiehda tieghu l-Perit George Pullicino, li kien il-ministru responsabbli fiz-zmien tal-ghemil amministrattiv attakkat, jixhed dwar il-process ta’ razzjonalizzazzjoni kif isegwi:

‘Il-process li jissemma’ hu kif l-artijiet effettivament jigu ghall-izvilupp. Dak hu. Razzjonalizzazzjoni huwa biss process kontinwu mill-pjani lokali li kienu qed isiru. . . . …. Ghalina process shih mill-1990 sa l-2006’.

A fol. 914 jsostni li l-parlament 'Ma japprovax dawn separat minn dawn. Hija decizjoni wahda imma dan li huma l-artijiet li diga' kienu effettivament ippubblikati bhala li ghandhom jidhlu fiz-zona tal-izvilupp u dawn li huma identifikabbli kienu dawk li bi-korrezzjoni tal-ezercizzju tar-razzjonalizzazjoni gew identifikati li kellhom jidhlu. Meta qed tghid il-process tar-razzjonalizzazzjoni ma kienux l-artijiet kollha imma l-korrezzjoni ghall-pjani lokali li kienu diga' gew abbozati . . .'

A fol. 915 mistoqsi ghalfejn intalbet esenzjoni darba biss mit-Tim ta' verifika jghid 'Hu process wiehed. Semplici hafna.' Jghid ukoll li kien process li inbeda fis-sena 1990, jinsisti li kien ezercizzju wiehed:

> 'Semplicement li filwaqt li qabel ghal kull pjan lokali jidher li kellek passatur differenti li qed jintuza, at the end tal-process kollu ridna li jkun hemm passatur wiehed u ghedna li l-pjani lokali appart l-policies kollha li hemm fihom, meta nigu ghall-konfini tal-izvilupp irid ikun hemm riga wahda komuni u dak kien l-ezercizzju tar-razzjonalizzazzjoni li giet ikkreata riga komuni.'

A fol. 916 et. mistoqsi fuq il-kliem 'case by case' fid-direttiva tal-SEA (Strategic Environmental Assessment) jinsisti li: 'Case by case mhux l-art, plot plot. Qed tghidlek il-process shih.'

A fol. 922 jsostni li 'Il-Parlament japprova konfini tal-izvilupp li huma definiti bi pjan ta' struttura. Il-pjani lokali japprovahom il-Ministru. Il-pjani lokali ma japprovahomx il-Parlament. Il-parlament japprova l-konfini tal-izvilupp, iva jew le li huma

bbazati fuq il-pjan ta' struttura liema pjani lokali huma sottomessi ghal secondary law taht il-binary law tal-pjan ta' struttura.'

Izid li l-SEA tat esenzjoni 'ghall-process tar-revizjoni tal-konfini tal-izvilupp' u li 'Dak kien process wiehed. Tlaqt mill-bidu meta ghidtlek f'xiex kien il-pajjiz qabel is-'87 li saru skemi temporanji li kellhom jigu riveduti permezz ta' dan il-process. Sar il-process. Meta nghata lill-gvern, il-gvern qal li hawnhekk hawn anomaliji u hemm bzonn li jkun hemm kriterji cari, gew stabbiliti l-kriterji u abbazi ta' dawk il-kriterji u fuq it-talbiet biss li kienu saru fil-process tal-ippjanar ghall-pjani lokali, gie stabbilit liema jidhlu gewwa u liema ma jidhlux. .'

A fol. 924 jenfasizza li ma jsirx Pjan Lokali ghal bicca art. Dwar il-'Planning Control application' jghid li hija 'ghodda diga' tezisti, hija pubblika li fuqha jkun hemm konsultazzjoni u ghedna wkoll fil-kriterji. . . .
. . . Il-process ta' planning control huwa pubbliku totalment, ghadu ghaddej sal-lum fuq kwalunkwe art li ma tkunx definita u fih jigi stabbiliti b'mod pubbliku, bi propsota li ssir fil-pubbliku, bin-niex jistghu joggezzojnaw jew le. Tajjeb li tkun taf li fil-kriterji konna ghedna wkoll li ma tistax tidhol art li hija saqwi, jekk jinstab li hemm archeological remains. . . . Hadd ma qal li stabbilejna din il-linja, issa jekk qieghed gewwa tista' taghmel li l-qaddisa trid. Hemm process li hija ghodda taht il-ligi stess l-ippjanar tal-Izvilupp li huwa l-planning control process u dik tintuza. Ma kelli ghalfejn inwelled l-ebda arma jew process iehor. Facilment jista jintuza dak. Ghall-grazzja t'Alla l-process qed jurina llum li huwa process tajjeb. Ghalfejn? Ghax minflok ma sar malajr, kull bicca li dahlet gewwa issa hemm process fuqha stabbilit skont il-ligi. Ma ridtx nerga' naghmel l-ezercizzju li kien sar fil-1987 li jkollok temporary provision schemes li jsiru ta'

malajr ghax hekk kienet il-htiega.  Jien ridt li l-konfini jigu stabbiliti.  Issa mbaghad kif isir u xi jsir u fejn jghaddu t-toroq jghaddi mill-process li kien diga' stabbilit mil-ligi li huwa l-planning control process.'

Mistoqsi dwar xi anomaliji li setghu inzertaw xorta ma jaqbilx li kellu jsir SEA:

> 'Le ghax kien hemm htiega bl-aktar mod assolut li dan il-pajjiz ma setghax jibqa' ghaddej bit-temporary schemes li kienu gew stabbiliti fl-1989 u nibqghu ghaddejjin bihom.'

**Ikkunsidrat ulterjorment;**

**<u>L-ewwel talba:</u>**

Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti taqra kif isegwi:

> 'Previa occorrendo riferenza preliminari lill-Qorti Ewropea tal-Gustizzja sabiex tiddikjara illi d-Direttiva hija applikabbli ghal artijiet rezi fabbrikabbli permezz tal-Mozzjoni u tal-approvazzjoni tal-Pjani Lokali u dana sakemm ma' tinghatax ezenzjoni kif tippermetti d-Direttiva, tiddikjara illi l-esenzjoni mit-termini tad-Direttiva fir-rigward ta' l-artijiet illi ostensibilment gew rezi fabbrikabbli permezz tal-Mozzjoni numru 245 approvata mill-Kamra tad-Deputati fid-29 ta' Lulju 2006, liema esenzjoni nghatat mill-konvenuti Ciantar, Borg u Sciberras li jifformaw l-hekk imsejjah Tim ta' Verifika ta' l-Istimi Ambjentali Strategici permezz tal-imsemmija ittra tal-20 ta' Lulju 2006 hija nulla u bla effett ghax imsejsa fuq kunsiderazzjonijiet m'hux xierqa ai termini tal-artikolu 469A tal-Kap. 12.'

Illi primarjament ir-rikorrenti jsostnu li fid-decizjoni tat-Tim ta' Verifika datata 20 ta' Lulju, 2006 (esebita a fol. 26 u 27 tal-process), l-intimati agixxew bi ksur tal-artikolu 13 u Artikolu 4 tal-istess Direttiva. L-artikolu 4 tad-Direttiva jimponi 'Obbligazzjonijiet generali' fuq il-pajjizi membri li ghandha ssir stima ambjentali matul il-preparazzjoni ta' xi pjan jew programm u qabel l-adozzjoni jew is-sottomissjoni ghall-procedura legislattiva. Dan l-artikolu gie traspost fil-ligi Maltija bhala l-artikolu 4 tal-AL 418 ta' l-2005, Regolamenti ta' l-2005 dwar Stima Ambjentali Strategika. L-artikolu 13 (3) tal-istess direttiva jikkonsisti fi klawzola transitorja li taqra kif isegwi:

> '3. L-obbligazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1) ghandha tghodd ghall-pjanijiet u programmi li dwarhom l-ewwel att preparataorju formali jkun sussegwenti ghad-data msemmija fil-paragrafu 1. Il-pjanijiet u l-programmi li dwarhom l-att preparatorju formali jkun qabel dik id-data u li jkunu adottati jew sottomessi ghall-procedura legislattiva aktar minn 24 xahar wara dan, ghandhom isiru suggetti ghall-obbligazzjoni msemmkja fl-Artikolu 4 (1) kemm-il darba l-Istati Membri ma jiddecidux abbazi ta' kull kaz li dan ma jkunx possibbli u jinfurmaw lill-pubbliku bid-decizjoni taghhom.'

L-Avviz Legali 418 ta' l-2005 fid-disa' artikolu tieghu jaqra kif isegwi:

> '9. Dawn ir-regolamenti ghandhom japplikaw ghall-pjanijiet u l-programmi li l-ewwel att formali ta' thejjija taghhom sar wara l-21 ta' Lulju 2004. Pjanijiet u programmi li l-ewwel att formali ta' thejija taghhom ikun sar qabel dik

> id-data u li jigu adottati jew sottomessi gahll-procedura legislattiva izjed minn 24 xahar wara, ghandhom ikunu soggetti ghall-obbligu msemmi fil-paragrafu (a) tal-Skeda 5 sakemm l-Awtorita' Kompetenti ma tiddecidix fuq bazi ta' kull kaz ghalih illi dan mhuwiex vijabbli, u tinforma lill-pubbliku bid-decizjoni taghha.'

Illi ghal dak li jirrigwarda l-kaz odjern, jirrizulta mill-atti li permezz ta' ittra datata t-12 ta' Lulju, 2006 (ara fol. 24 u 25) ic-Chairman tal-Awtorita' tal-Ambjent u l-Ippjanar l-intimat Andrew Calleja kiteb lic-Chairman tat-Tim ta' Verifika Chistopher Ciantar u wara li ndika d-dati ta' meta beda l-process fuq kull pjan lokali, li kienu bejn Jannar 1998 u Mejju 1999, kiteb kif isegwi:

> 'The Consultation processes involving each local plan yielded a considerable amount of requests to include land, which is currently outisde the development zone (ODZ), within the development zone. Subsequently the local plan exercise took into account these submissions and made recommendations as to which areas should be released for further dvelopment. More recently, Cabinet instructed MEPA to review the progress again and carry out scheme rationalisation exercize on the basis of a number of criteria. The scheme rationalisation exercise was to apply solely to the sites requested to be released for development during any of the abvoe consultation pertaiing to the respective lcoal plan processes. The scheme rationlisation exercise (which invokes the partial structure plan review legal framework) is deemed to be an extension to the local plan process as it is limited to applying the Cabinet criteria to the requests submitted during the consultation exercise of the respective local polan and not a stand alone exercise.

Furthermore, undertaking an SEA for the respective local pans at this late stage is not deemed to consistute good practice since the local plans are nearing conclusion and any feedback from the SEA at this stage would not be able to influence the respective local plan. If an SEA is undertaken it would disrupt a process which has been going on for over 15 years, as this would open up again the whole planning process. Much effort and resources have already been applied to the local planning process which would otherwise result in misue of scarce planning resrouces.

The legislation concerning the Strategic Environment Assessment (SEA) states that plans deemed to qaulify for an SEA which commenced before the 21st July 2004 need to be submitted to the legislative procedure before the 21st July 2006 in order to be exempt from undertaking an SEA. As evidenced in the table above, all local plans commenced before the 21st July 2004. Since the partial structure plan review is an extension to the local plan processes it is considered to be exempt from the preparation of an SEA.'

Skont ix-xiehda ta' Dr. Simone Borg u wkoll tal-Inginier Ciantar suesposti, it-Tim ta' Verifika li rcieva din it-talba, kkunsidra t-talba tal-Awtorita ntimata ghall-ezenzjoni mill-applikazzjoni tad-direttiva u wara li kien sodisfatt bl-informazzjoni li nghata, taha d-decizjoni tieghu permezz ta' ittra datata 20 ta' Lulju, 2006 (fol. 26 u 27) li fil-parti saljenti taqra kif isegwi:

'The SEA Audit Team notes that:

1. The preparation of the local plans, some of which initiated way back in 1991 with the most recent initiating in

1999, has gone though a series of consultation processes that yielded a considerable input to include land, which is currently outside the development zone, within the development zone;

2. MEPA made a series of recommendations on which areas, from those requests received during the respective consultation process, should be released for further development;

3. Over and above the recommendations made by MEPA, Cabinet issued a number of criteria as a basis on which any request, provided that this was submitted during the consultation process, should be met. The input by Cabinet in this process is in accordance with the provisions of the Development Planning Act;

4. The scheme rationalization exercise forms part of the on-going local plan preparation, is not considered as a stand alone exercise and no new requests were included other than those submitted during the consultation process; and

5. The resolution to give effect to the partial strcuture plan review necessitated by the said scheme rationalization has been tabled in Parliament in accordance with the provision of the Development Planning Act on 5 July 2006.

The Audit Team, on the strength of Regulation 9 of LN 418/2005, the Strategic Environment Assessment Regulation 2005, that transpose Directive 2001/42/EC on the Assessment of the Effects of Certain Plans and Programmes

on the Environment finds that this process is exempt from requiring a strategic environment assessment because:

a) The first preparatory work intiated well before July 2004 and was already at a very advanced stage by that date; and

b) The legislative process to give full effect to the local plans, including the partial structure plan review, is by no means in the strategic phase but has, on the contrary, reached its final stages so much so that the process has been submitted to the legislative process by virtue of the above-mentioned parliamentary resolution.

The Audit Team, therefore, considers that in this particular case the process is at a stage when it is not feasible to carry out a strategic enviornmental assessment.'

Illi l-Qorti rat li principalment permezz ta' din l-ewwel talba r-rikorrenti qed jitolbu li tirrevedi d-decizjoni tat-Tim ta' Verifika kif suesposta u tiddikjara nulla stante li jsostnu li ddecieda hazin li l-process ta' 'rationalisation' kien process integru u haga wahda mal-process tal-Pjan Lokali u jinsisti li dan kien process ghalih, aktar recenti mill-21 ta' Lulju 2004 u ghalhekk kienet tapplika l-imposizzjoni tal-iStima Ambjentali Strategika ghalih.

Illi l-Qorti kif suesposta gharblet id-dokumentazzjoni u x-xhieda kollha fl-atti minn fejn jirrizultawlha l-fatti segwenti:

1. Illi ma hemm l-ebda ombra ta' dubju li l-process fuq il-Pjani Lokali per se zgur kien beda lura f'Jannar 1998 u sa Mejju 1999 (ara t-tabella ndikata fl-ittra a fol. 24 u 25) kien inbeda l-process fuq il-Pjani Lokali kollha li jkopru l-Gzejjer Maltin. Fil-fatt bosta

mix-xhieda rapprezentanti tal-Awtorita' intimata jsostnu li l-process inbeda sahansitra lura fis-sena 1991 u baqa ghaddej sa meta dawn gew finalment kollha approvati fis-sena 2006.

2. Illi minn dak li rrizulta wkoll mix-xiehda tar-rapprezentanti tal-Awtorita' intimata, sa mill-bidu li nfetah il-process tal-addozzjoni tal-Pjani Lokali, l-Awtorita' intimata giet inondata b'numru kbir ta' talbiet sabiex artijiet madwar il-Gzejjer Maltin, partikolarment artijiet li jmissu maz-zona ta' zvilupp, jigu nkluzi fil-Pjani Lokali bhala art zviluppabbli. Fil-fatt mill-atti rrizulta li dahlu mal-hamest elef u mitejn talba (5200) tul il-process kollu;

3. Illi jirrizulta lil Qorti li fl-ewwel zewg Pjani Lokali approvati, u cioe' dak ta' Marsaxlokk u l-'Grand Harbour Local Plan', l-Awtorita` intimata (u dan wiehed qed jitkellem qabel is-sena 2004) pruvat ddur ma' dawn it-talbiet billi tinkludihom bhala rakkomandazzjonijiet fil-Pjan Lokali rispettiv approvat. Jirrizulta izda li fil-kaz tal-bqija tal-Pjani Lokali li kien ghadhom fil-process, l-Awtorita' wara wkoll konsultazzjoni pubblika li saret ferm qabel is-sena 2004 fuq kull pjan (ara t-tabella a fol. 24 tal-process fejn il-kliem "Public Consultation Launch), ghaddiet il-proposti taghha lill-Kabinett dwar kif kellha tigi alterata l-linja ta' zvilupp fil-Pjani Lokali rispettivi in vista tat-talbiet li rceviet. Dan sar ghaliex il-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta fit-termini tal-Artikolu 27 jippermetti biss li l-Ministru koncernat japprova l-Pjani Lokali izda skont l-istess Artikolu u b'referenza ghall-artikolu 18 *et seq* tal-istess Kap. 356, alterazzjonijiet fil-linja ta' zvilupp sabiex art li mhux fabrikabbli ssir fabrikabbli setghet biss tigi approvata mill-Parlament.

4. Illi jirrizulta mill-atti li s-sottomissjoni lil Kabinett saret bejn wiehed u iehor lejn il-bidu tas-sena 2006, dan wara li izda l-

Awtorita' intimata kienet ilha snin tircievi talbiet sabiex artijiet jigu kkunsidrati li jidhlu fiz-zona ta' zvilupp u wara li l-istess Awtorita' ghamlet l-analizi taghha ta' kull sottomissjoni vis-a-vis l-Pjan Lokali rispettiv u ressqet l-opinjoni taghha lill-Kabinett dwar x'kellu jidhol u x'kellu jibqa' barra.

5. Illi kif jispjega ben tajjeb il-Perit George Pullicino li kien il-Ministru responsabbli dak iz-zmien, fix-xiehda tieghu, fil-mument li dan l-ezercizzju kien wasal fi stadju ta' proposta quddiem il-Kabinett, il-Kabinett qies li ma kinitx qed tigi applikata l-istess riga ghall-eluf ta' applikazzjonijiet li saru lill-Awtorita' tul is-snin ta' process tal-Pjani Lokali u allura l-Kabinett hareg memo (ara fol. 106 tal-process) lill-Awtorita' b'linji gwida dwar kif kellu finalment jigu decizi talbiet gia sottomessi precedentement lill-Awtorita'. Jirrizulta li l-Kabinett kellu l-fakulta' li johrog dawn id-direzzjonijiet lill-Awtorita' intimata fit-termini tal-Artikolu 18 (3B) tal-Kap. 356 kif vigenti dak iz-zmien. Kif gia suespost dan hekk imsejjah memo kien intitolat:

> **'Cabinet feedback to Malta Environment and Planning Authority on Local Plans – Rationalisation of Development Boundary: Setting up Criteria for Inclusion Group 1 and Group 2'.**

Johrog anki semplicement minn qari tat-titolu, li dak iz-zmien kemm l-Awtorita' kif ukoll il-Kabinett kienu qed jitrattaw il-process tal-Pjani Lokali u ta' razzjonalizzazjoni bhala procedura wahda.

6. Segwa li skont kif diretta mill-Kabinett, l-Awtorita' regghet rrevediet it-talbiet li kien ilhom li gew mressqa lilha snin skont il-kriterji mahruga mill-Kabinett fejn f'Mejju 2006 regghet infethet il-

konsultazzjoni pubbliku. Jirrizulta li konsegwenti ghal dan, f'Lulju 2006 tlestiet finalment il-procedura kollha tal-Pjani Lokali inkluz ir-revizjoni tal-linja ta' zvilupp, liema procedura johrog car mill-atti li kienet ilha li nbdiet ferm qabel Lulju tas-sena 2004 ghal kuntrarju ta' dak espost mir-rikorrenti.

7. Finalment, stante li kif inghad l-approvazzjoni tal-Pjani Lokali skont il-Kap. 356 kienet taqa' fil-poteri tal-Ministru koncernat, filwaqt li l-bdil tal-linja ta' zvilupp kien jinvolvi process fi hdan il-Pjan ta' Struttura li jirrikjedi l-approvazzjoni tal-Parlament, kien f'dan l-istadju li l-Pjani Lokali tpoggew quddiem il-Ministru ghall-approvazzjoni li approva l-pjani lokali nhar it-3 ta' Awwissu, 2006 filwaqt li dik il-parti li varjat il-linja ta' zvilupp tpoggiet taht l-iskrutinju ta' Kumitat apposta fi hdan il-Parlament u konsegwentement giet approvata permezz tal-Mozzjoni 245 datata 26 ta' Lulju, 2006.

Illi l-Qorti rat ghalhekk mill-atti li l-process sabiex tigi varjata l-linja ta' zvilupp madwar il-gzejjer Maltin ma bediex fis-sena 2006 kif qed isostnu r-rikorrenti, izda beda immedjatament li nbeda l-process fuq il-Pjani Lokali u l-pubbliku beda jaghti l-kontribut tieghu billi bdew jigu proposti li jidhlu fiz-zona ta' zvilupp diversi siti madwar Malta u Ghawdex. Il-process tal-varjazzjoni tal-linja ta' zvilupp jirrizulta car mill-provi migbura fl-atti li nbeda ferm qabel Lulju tas-sena 2004. Dak li sehh wara Lulju 2004 huwa biss li l-process tant kien wasal fl-istadju ahhari tieghu li l-Awtorita' waslet sabiex tressaq il-konkluzjonijiet taghha lill-Kabinett u dan minn naha tieghu, stante li rrizultawlu xi anomali dwar kif certu siti kienu qed jigu ntegrati fiz-zona ta' zvilupp u ohrajn le, mpona fuq l-Awtorita' numru ta' regoli applikabbli ugwalment ghal kull sit li kien qed jigi kunsidrat. Kif ben jixhed il-Perit George Pullicino l-Kabinett mpona riga dritta ghal kull talba, applikabbli

ugwalment ghal kulhadd. Ghalkemm jirrizulta lill-Qorti li verament kien biss lejn l-ahhar tal-procedura li l-ezercizzju ta' bdil tal-linja ta' zvilupp beda jissejjah process ta' 'rationalisation', dan ma jfissirx li ma kienx ilu li beda u l-atti fil-kawza odjerna jevidenzjaw mhux biss sal-grad rikjest mil-ligi tal-probabbli imma ben oltre minn hekk li dan kien ilu snin ghaddej.

Il-Qorti zzid ukoll li tista' tghid li huwa logikament inkoncepibbli li ghal snin twal ikunu qed jigu diskussi l-Pjan Lokali u fl-istess hin jigi argumentat li ma kinitx qed tigi diskussa wkoll il-possibilita' li tigi varjata l-linja ta' zvilupp, dan stante li l-Pjan Lokali stess minnu nnifsu jindika u jimponi entro l-limiti tal-linja ta' zvilupp. Tant hu hekk li mill-atti rrizulta pruvat li l-process tal-Pjani Lokali mill-ewwel gibed lejh eluf ta' talbiet ghal varjazzjoni fil-linja ta' zvilupp. Ir-rikorrenti jittentaw isostnu li dan il-process kollu ta' talbiet lill-Awtorita' ntimata u r-revizjoni taghhom mill-istess sar biss fi ftit xhur fil-bidu tas-sena 2006, izda din l-asserzjoni bl-ebda mod ma giet pruvata fl-atti u wkoll il-volum ta' xoghol li dan il-process jirrikjedi jaghmilha mpossibbli li seta sar biss f'numru zghir ta' xhur kif jallegaw ir-rikorrenti.

Illi ghalhekk din il-Qorti tqis li z-zewg konsiderazzjonijiet li fuqhom it-Tim ta' Verifika ta' l-Istimi Ambjentali Strategici, indikati fl-ittra tal-20 ta' Lulju 2006 bhala bazi ghad-decizjoni tieghu li l-process ma kellux bzonn jghaddi mill-Stima Ambjentali Strategika, kienu u huma fattwalment gusti. Fil-fatt irrizulta pruvat sal-grad rikjest mil-ligi fl-atti li x-xoghol preparatorju kemm fuq il-Pjani Lokali kif ukoll fuq il-varjazzjoni tal-linja ta' zvilupp sabiex art mhux zviluppabbli ssir zviluppabbli beda ferm qabel Lulju tas-sena 2004, anzi jirrizulta li beda diversi snin qabel. Irrizulta wkoll li dan il-process kien gia jinsab fi stadju ferm avvanzat f'Lulju tas-sena 2004. Tant kien fi stadju avvanzat li sa

Lulju, 2006 li l-process gie konkluz u sottomess ghall-iskrutinju tal-Parlament. Jirrizulta ghalhekk lil din il-Qorti li l-konkluzjoni tat-Tim ta' Verifika li l-process kif indikat lilha mill-Awtorita' fl-ittra mibghuta lilu, ma kellux ghalfejn jghaddi mill-procedura tal-Stima Ambjentali Strategika, kienet legalment gustifikata.

Illi ghalkemm din il-Qorti ma strahitx fuq il-konkluzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea, u huwa ghalhekk li ma ghamlitx referenza ghalihom sa dan l-istadju tal-konsiderazzjonijiet tal-ewwel talba, jirrizulta li l-konkluzjonjiet ta' din il-Qorti huma wkoll komfortati mid-decizjoni tal-istess Kummissjoni datata 23 ta' Marzu, 2010 (ara fol. 308 tal-process). F'dik id-decizjoni l-Kummissjoni ddikajrat li ma sabitx bizzejjed provi li jevidenzjaw li l-process tal-Pjan Lokali u dak ta' razzjonalizzazzjoni kienu zewg processi separati. In oltre l-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li bhala konsegwenza allura ma kienx hemm il-bzonn li l-process jigi assoggettat ghall-iStima Ambjentali Strategika.

Il-Qorti ghalhekk in vista ta'dak kollu suespost, stante li ma sabet xejn legalment sanzjonabbli fl-agir tat-Tim ta' Verifika, li huwa l-eghmil amministrattiv taht skrutinju f'din it-talba, stante wkoll li ma tqisx li gie pruvat lilha sal-grad rikjest mil-ligi li t-Tim ta' Verfika sejjes id-decizjoni tieghu fuq kunsiderazzjonijiet mhux xierqa kif allegat mir-rikorrenti, ser tghaddi sabiex tichad l-ewwel talba tar-rikorrenti.

**<u>It-Tieni Talba:</u>**

Illi t-tieni talba tar-rikorrenti titlob kif isegwi:

> '2. Konsegwentement tiddikjara illi l-Mozzjoni numru 245 approvata mill-Kamra tad-Deputati hija nulla u bla effett

> ghax ma rrispettatx it-termini tad-Direttiva kif trasposta fil-ligi Maltija.'

Il-Qorti tirrileva li aktar il' fuq f'din id-decizjoni, gia` gie deciz minnha li l-Mozzjoni waheda, minghajr in-ness mad-decizjoni tat-Tim ta' Verifika datata l-20 ta' Lulju, 2006, ma setghetx taqa' taht l-iskrutinju ta' din il-Qorti stante li ma tikkwalifikax bhala eghmil amministrattiv kif jirrikjedi l-artikolu 469 A tal-Kap. 12.

Illi fil-mertu izda din it-tieni talba, fi kliemha stess hija konsegwenzjali ghall-ewwel talba. Stante li din il-Qorti cahdet l-ewwel talba kif suesposta, ser tghaddi sabiex tichad ukoll it-tieni talba.

**<u>It-Tielet talba:</u>**

Illi t-tielet talba attrici titlob kif isegwi:

> '3. Tiddikjara illi l-Pjani Lokali approvati fit-3 t'Awwissu 2006 kienu ukoll jirrikjedu l-esenzjoni li d-Direttiva m'hix applikabbli fil-konfront taghhom, liema ezenzjoni qatt ma nghatat.'

Illi r-rikorrenti jqajjmu dan l-argument in vista tal-fatt li l-Ministru koncernat approva l-Pjani Lokali fit-3 t'Awwisu 2006 filwaqt li d-Direttiva 2001/42/KE tas-27 ta' Gunju 2001 timponi d-data finali ghall-applikazzjoni tal-artikolu transitorju fid-data tal-21 ta' Lulju, 2006.

Il-Qorti rat li huwa minnu li l-approvazzjoni tal-Pjani Lokali mill-Ministru saret fit-3 ta' Awwissu, 2006 u li dan ma hu kontestat minn ebda parti fil-kawza. Ir-rikorrenti jargumentaw li l-esenzjoni

li ta t-Tim ta' Verifika nhar l-20 ta' Lulju, 2006 (ara fol. 26 u 27) inghatat biss fuq il-process ta' razjonalizzazzjoni u mhux ukoll fuq il-Pjani Lokali. Il-Qorti, minn qari akkurat tad-decizjoni in kwistjoni kif ukoll tal-ittra tal-Awtorita' datata 12 ta' Lulju, 2006 (ara fol. 24 u 25), assolutament ma taqbilx ma dan l-argument mressaq mir-rikorrenti.

Fil-fatt jirrizulta li fl-ittra tat-12 ta' Lulju, 2006 l-Awtorita' titratta l-procedura tal-Pjan Lokali u ta' razjonalizzazzjoni bhala procedura wahda tant li ddikjarat kif isegwi:

> 'As evidenced in the table above, all local plans commenced before the 21st July 2004. Since the partial structure plan review is an extension to the local plan processes it is considered to be exempt from the preparation of an SEA.'

Huwa ghalhekk car li s-sottomissjoni tal-Awtorita' lit-Tim ta' Verifika kienet li kemm il-Pjani Lokali kif ukoll il-process ta' razjonalizzazzjoni, li kien jifforma parti ntegrali mill-istess process tal-Pjani Lokali, kienu legalment ezenti mill-procedura tal-SEA skont il-ligi.

Da parti tieghu t-Tim ta' Verifika fid-decizjoni tieghu kkunsidra l-Pjani Lokali u l-process ta' razjonalizzazzjoni bhala process wiehed integrat: ara l-uzu tal-kliem 'The scheme rationalization exercise forms part of the on-going local plan preparation, is not considered as a stand alonce exercise'. Ghalhekk il-Qorti tqis li l-interpretazzjoni moghtija mir-rikorrenti lil din id-decizjoni tat biss ezenzjoni lill-iskema ta' razzjonalizzazzjoni izda mhux lill-approvazzjoni tal-Pjani Lokali ma tista' qatt logikament tigi accettata. La darba t-Tim ta' Verifika kien qed iqis il-process bhala process wiehed, li jinkludi kemm il-Pjani Lokali kif ukoll ir-

razjonalizzazzjoni, allura jista biss logikament isegwi li l-ezenzjoni milli jsir l-istudju ghall-impatt ambjentali (STA) inghatat mit-Tim ghall-process kollu nkluz l-approvazzjoni tal-Pjani Lokali mill-Ministru.

Il-Qorti ghalhekk ghar-ragunijiet suesposti ser tghaddi sabiex tichad ukoll it-tielet talba tar-rikorrenti.

In oltre l-Qorti f'dan l-istadju tirribadixxi dak gia` deciz aktar il' fuq li l-approvazzjoni da parti tal-Ministru datata 3 ta' Awissu, 2006 ma tikkwalifikax bhala eghmil amministrattiv taht l-artikolu 469 A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk fi kwalunkwe kaz in vista tal-eccezzjoni preliminari gia milqugha minn din il-Qorti, l-Qorti anki li kieku sabet ksur tad-direttiva ma setghetx legalment tiddikjara tali mozzjoni nulla u bla effett kif mitlub mir-rikorrenti.

**<u>Ir-Raba' talba:</u>**

Illi r-raba' talba tar-rikorrenti titlob li:

> '4. Konsegwentement, tiddikjara illi l-adozzjoni ta' tali Pjani Lokali mill-Ministru tal-Affarijiet Rurali u l-Ambjent fit-3 t'Awwissu 2006 ma' sarietx in konformita' mat-termini tad-Direttiva kif trasposta fil-ligi Maltija u ghaldaqstant, tali adozzjoni hija nulla u bla effett;'

Stante li r-raba' talba tar-rikorrenti hija konsegwenzjali ghat-tielet talba li giet michuda l-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din it-talba.

**<u>Il-Hames Talba:</u>**

Il-hames talba tar-rikorenti titlob li l-Qorti:

> '5. Tiddikjara illi l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar ma tistax tapprova bini jew kwalunkwe zvilupp iehor f'dawk l-artijiet li ostensibilment gew rezi fabbrikabbli bil-Mozzjoni u bil-Pjan Lokali sakemm it-termini tad-Direttiva jigu rispettati.'

Stante c-cahda tat-talbiet precedenti u stante li din il-hames talba hija konsegwenzjali ghall-istess il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad ukoll il-hames talba tar-rikorrenti.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Finali:</u>**

Illi l-Qorti rat li f'dawn l-atti gie diversi drabi allegat mir-rikorrenti li l-process ta' razzjonalizzazzjoni pogga lir-rikorrenti f'posizjoni daqs li kieku minghajr ebda ghodda fil-ligi sabiex jattakkaw l-inkluzjoni ta' certu siti fiz-zona ta' zvilupp. Il-Qorti tqis li rrizulta car mill-atti odjerni li dan assolutament ma hux il-kaz fil-ligi. Fil-fatt il-Qorti kkonstatat mill-atti li z-zoni kollha rezi zvilupabbli permezz ta' dan il-process kollha gew assoggettatti ghall-intavolar u l-approvazzjoni tal-hekk imsejjha 'Planning Control Application' li taghti l-possibilita' li jigu sottomessi oggezzjonijiet fi hdan l-applikazzjonijiet rispettivi u wkoll timponi certu kriterji sabiex din tigi finalment approvata jew michuda. Sfortunatament ghar-rikorrenti, jirrizulta mill-atti li bosta minnhom mal-intavolar tal-kawza odjerna naqsu milli juzufruwixxu mill-ghodda li provvditilhom il-ligi stess u cioe' naqsu milli jintavolaw l-oggezzjonijiet taghhom ghall-applikazzjonijiet 'Planning Control li tolqot iz-zona rispettiva li ghaliha kellhom oggezzjoni. Ghal dan in-nuqqas legalment ma tistax taghmel tajjeb din il-Qorti fl-ambitu tal-proceduri odjerni.

Illi in oltre, kif dikjarat ukoll mill-Perit George Pullicino fix-xiehda tieghu, il-fatt li dan il-process gie assoggettat ghall-'Planning Control Application' u l-kriterji li din iggib maghha, ifisser li mhux kull fejn gie inkluz fiz-zona ta' zvilupp tramite l-process ta' razjonalizzazzjoni necessarjament kien ser jigi approvat zvilupp fuqu, partikolarment f'kazijiet fejn jirrizulta li fuq is-sit hemm raba' saqwi jew jinstab li s-sit ikollu valur arkeologiku. Fil-fatt irrizulta lil din il-Qorti fl-atti li partijiet miz-zoni nkluzi fil-Mosta baqaw ma gewx approvati u wisq anqas zviluppati u dan ghal-ragunijiet arkeologici (kif indikat aktar il-fuq f'din id-decizjoni). Irrizulta wkoll mill-atti li fuq zona partikolari maghrufa bhala ta' Brag fil-Mellieha giet rifjutata l-'Planning Control application' li saret fuqha ghal ragunijiet marbuta mal-valur ambjentali tas-sit. Fil-fatt irrizulta lil Qorti mill-atti li kien biss f'dan il-kaz li uhud mir-rikorrenti ghamlu uzu mill-ghodda li tipprovdi l-ligi, oggezzjonaw ghall-applikazzjoni u fil-fatt din giet michuda. Siti ohra li rrizultaw mill-atti li almenu *prima facie* ghandhom certu valur storiku u ambjentali, bhal ma hi z-zona tal-Papa f'Birzebbugia jidher li sal-lum ghadhom ukoll wieqfa u l-Qorti tispera li jirrenja l-buon sens mill-awtoritajiet meta jigu biex jikkunsidraw applikazzjonijiet fuq dawn is-siti, filwaqt li tista' biss tirrikmanda li dawk ir-rikorrenti li verament jinteressahom il-valur ambjentali u storiku tas-siti in kwistjoni (u mhux biss id-deprezzament tal-proprjeta' taghhom) jaghmlu uzu sew mill-ghodda tal-oggezzjoni li ttihom il-ligi.

**<u>Decizjoni:</u>**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti l-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Tichad l-ewwel eccezzjoni ta' Andrew Calleja et. u tal-intimat Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent et dwar l-interess guridiku tar-rikorrenti;

2. Tilqa' t-tieni eccezzjoni ta' Andrew Calleja f'ismu proprju, tiddikjara li mhux legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

3. Tilqa' t-tielet eccezzjoni tal-intimati Christopher Ciantar, Simone Borg u Jacques Sciberras f'isimhom proprju u tiddikjara li mhumiex legittimi kontradditturi f'dawn il-proceduri u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Tichad it-tieni eccezzjoni tal-Ministru et. dwar l-allegata nuqqas ta' awtorizzazzjoni lil Profs. Edward Mallia sabiex iressaq ir-rikors guramentat ghan-nom tal-ghaqda 'Friends of the Earth';

5. Tichad it-tielet eccezzjoni tal-Awtorita' intimata u r-raba' eccezzjoni tal-intimat Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent et. stante li ma jirrizultax li l-azzjoni hija preskritta kif eccepiet;

6. Tilqa' in parte ir-raba' eccezzjoni tal-Awtorita' intimata u wkoll tilqa' in parte r-raba' eccezzjoni tal-Ministru ghall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent et. u dan limitatament sa fejn din il-kawza tattakka fit-termini tal-Artikolu 469 A tal-Kap. 12 il-'Mozzjoni 245' datata 26 ta' Lulju, 2006 relatata mal-iskema ta' razzjonalizzazzjoni u l-approvazzjoni tal-Pjani Lokali da parti tal-Ministru ntimat datata 3 ta' Awwissu, 2006 u tichadha in relazzjoni ghad-decizjoni tat-Tim ta' Verifika datata 20 ta' Lulju, 2006;

7. Tilqa' l-bqija tal-eccezzjonijiet tal-intimati sakemm dawn huma kompatibbli ma' dak hawn deciz;

8. Tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti.

L-ispejjez kollha tal-intimati kif imharrka personalment ghandhom jigu lkoll sopportati mir-rikorrenti, l-ispejjez tal-eccezzjonijiet michuda fit-totalita' taghhom ghandhom jigu sopportati mill-intimati legittimi kontraditturi, l-ispejjez kollha rimanenti ghandhom jigu sopportati kollha mir-rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' Lulju, 2021**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Lulju, 2021**